IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.11.2025
COM(2025) 842 final

2025/0362 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi (UE) 2016/2341 u 2016/97 għat-tisħiħ tal-qafas għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Wieħed mill-aspetti ċentrali tal-aġenda soċjali u ekonomika tal-Unjoni Ewropea hu li jiġi ggarantit li n-nies tagħha jkunu jistgħu jirtiraw b'dinjità, sigurtà u introjtu adegwat. Hekk kif iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea qed jgħixu aktar fit-tul, l-isfida li jinżammu standards ta' għajxien deċenti fl-irtirar saret aktar urġenti. Iċ-ċittadini jistennew li wara ħajja tax-xogħol ikollhom aċċess għal introjtu stabbli li jkun biżżejjed biex jappoġġa kwalità ta' ħajja deċenti. Madankollu, is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet u l-adegwatezza tal-introjtu tal-irtirar fl-Unjoni Ewropea jinsabu taħt pressjoni dejjem akbar minħabba t-tixjiħ demografiku u forom ġodda ta' xogħol. Il-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea qed tgħix aktar fit-tul, filwaqt li l-popolazzjoni fl-età tax-xogħol qed tonqos. Din il-bidla strutturali timplika li se jkun hemm inqas ħaddiema disponibbli biex jiffinanzjaw il-pensjonijiet ta' għadd dejjem akbar ta' pensjonanti, u dan joħloq pressjonijiet fiskali u soċjali li, jekk ma jiġux indirizzati, jistgħu jnaqqsu l-istandards tal-għajxien u l-ġustizzja interġenerazzjonali.

Għalhekk, l-UE trid taġixxi biex tgħin liċ-ċittadini jiżguraw l-introjtu tal-irtirar tagħhom u jippreservaw l-istandard tal-għajxien tagħhom fid-dawl ta' żviluppi demografiċi sfavorevoli, tkabbir imrażżan tal-produttività, u sfidi trasformattivi akbar marbuta mat-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni, u l-inċertezza ġeopolitika. Il-kapaċità li tiġi indirizzata b'mod effettiv l-isfida tal-pensjonijiet se ssawwar ir-reżiljenza ekonomika u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni fid-deċennji li ġejjin.

L-isfida tal-pensjonijiet hija għalhekk ċentrali għall-futur ekonomiku u soċjali tal-Unjoni Ewropea. Dan jikkonċerna kif jista' jiġi ggarantit għal parti tal-popolazzjoni, li qed tikber, il-manteniment ta' standard tal-għajxien adegwat wara l-irtirar, filwaqt li l-piż fuq il-ġenerazzjonijiet futuri jibqa' sostenibbli. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[1], b'mod partikolari l-Prinċipju 15 dwar "Introjtu u pensjonijiet tax-xjuħija", jistabbilixxi d-dritt tal-ħaddiema u ta' dawk li jaħdmu għal rashom għal pensjoni li tkun proporzjonata mal-kontribuzzjonijiet tagħhom u li tiżgura introjtu adegwat, b'opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel biex jiksbu drittijiet tal-pensjoni.

Minkejja bosta riformi fil-livelli nazzjonali, il-wegħda ta' pensjoni adegwata u sostenibbli tinsab taħt pressjoni. Ħafna Stati Membri naqqsu r-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet pubbliċi, żiedu l-età tal-pensjoni statutorja, jew qalbu minn benefiċċju definit għal skemi b'kontribuzzjonijiet definiti. B'hekk l-individwi qed ikunu dejjem aktar mistennija li jikkomplementaw il-pensjonijiet statutorji bi tfaddil okkupazzjonali jew personali. Dan ipoġġi "piż doppju" għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, li trid tiffinanzja lill-pensjonanti attwali, u fl-istess ħin tfaddal ukoll għall-introjtu tal-irtirar tagħha stess.

In-nies jeħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw prodotti tal-pensjoni sikuri, effiċjenti, trasparenti u bi prestazzjoni għolja sabiex ifaddlu biżżejjed għall-irtirar. Ir-riallokazzjoni tat-tfaddil tal-familji minn depożiti b'rendiment baxx għal prodotti tal-pensjoni supplimentari li joffru opportunitajiet ta' investiment fit-tul tista' tgħin lill-individwi jiksbu introjtu tal-irtirar ogħla u aktar stabbli. Fl-istess ħin, dan it-tfaddil, meta jiġi ġestit minn istituzzjonijiet tal-pensjonijiet

[1] Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

irregolati tajjeb u effiċjenti, jirrappreżenta sors importanti ta' kapital fit-tul għall-ekonomija Ewropea. Is-settur tal-pensjonijiet supplimentari għandu rwol doppju: is-salvagwardja tas-sigurtà finanzjarja tal-individwi meta jirtiraw u l-kontribut għas-sostenibbiltà ekonomika fit-tul tal-UE.

Analiżijiet reċenti ta' livell għoli enfasizzaw l-importanza li jissaħħaħ dan il-kanal bejn it-tfaddil u l-investiment. Ir-rapporti ta' Mario Draghi[2] u Enrico Letta[3] enfasizzaw li ż-żamma tal-istandards tal-għajxien tal-UE fil-kuntest ta' forza tax-xogħol li qed tonqos se tirrikjedi produttività aktar b'saħħitha u aktar investiment. Ir-rapport ta' Draghi, b'mod partikolari, appella għal mobilizzazzjoni aktar effiċjenti tat-tfaddil tal-familji permezz ta' prodotti ta' tfaddil fit-tul bħall-pensjonijiet okkupazzjonali, filwaqt li indika eżempji nazzjonali ta' suċċess li jistgħu jispiraw approċċ usa' tal-UE.

Hemm ħtieġa qawwija li jissaħħu l-pensjonijiet supplimentari bħala parti mill-kuntratt soċjali akbar tal-Unjoni Ewropea. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-18 ta' April 2024[4] appellaw għal aktar ħidma fuq l-iżvilupp ta' pensjonijiet u prodotti ta' tfaddil fit-tul, filwaqt li rrikonoxxew il-kontribut tagħhom għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u għat-tkabbir tan-negozji tal-UE. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Marzu 2025[5] tennew l-importanza li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-kapital privat biex jiġu appoġġati l-investiment u l-kompetittività, u stiednu lill-Kummissjoni tippromwovi parteċipazzjoni akbar fil-livell tal-konsumatur fis-swieq kapitali, inkluż permezz ta' prodotti tal-pensjoni.

Fl-2019, Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti dwar il-Pensjonijiet[6] li involva s-sħab soċjali pprovda pariri strateġiċi dwar kif il-pensjonijiet supplimentari jistgħu jikkontribwixxu għall-adegwatezza tal-introjtu fix-xjuħija u għall-iżvilupp tas-suq tal-pensjonijiet tal-UE. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonkludiet f'rapport tal-2024[7] li l-azzjoni tal-UE s'issa kienet limitata fl-effettività tagħha u appellat għal aktar sforz biex jissaħħu l-pensjonijiet tax-xogħol bħala komplement għall-iskemi pubbliċi.

It-tfassil tas-sistemi tal-pensjonijiet jibqa' kompetenza tal-Istati Membri, iżda l-miżuri fil-livell tal-Unjoni jistgħu jappoġġaw u jikkomplementaw l-isforzi nazzjonali biex jiġi żgurat introjtu adegwat fl-irtirar. Il-qafas tal-Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali (IORP, Institutions for Occupational Retirement Provision) ipprovda l-pedament regolatorju għall-pensjonijiet okkupazzjonali fl-UE, filwaqt li stabbilixxa standards għas-superviżjoni prudenzjali, il-governanza, u l-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Filwaqt li mhux il-vetturi tal-pensjoni okkupazzjonali kollha jaqgħu taħt id-Direttiva IORP II, il-membri u l-benefiċjarji fi skemi mhux IORP għandhom ikunu soġġetti għal governanza u sorveljanza tajba u jistgħu jibbenefikaw jekk ikunu koperti mid-Direttiva IORP II.

Fil-Linji Gwida Politiċi 2024–2029[8], il-President von der Leyen ħabbret il-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u tal-Investimenti, imfassla biex it-tfaddil tal-UE jibda jaħdem b'mod aktar effettiv għat-tkabbir u l-prosperità fit-tul. Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu

---

2 Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea).

3 Letta, E. (2024), Much More Than a Market.

4 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-18 ta' April 2024.

5 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Marzu 2025.

6 *Final Report of the High-level group of experts on pensions* – Diċembru 2019.

7 Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, *L-iżvilupp ta' pensjonijiet supplimentari fl-UE*, Rapport Speċjali 14/2025.

8 Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024-2029.

2025 dwar l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li s-settur tal-pensjonijiet supplimentari għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għal dan l-għan billi jimmobilizza t-tfaddil privat għal investiment produttiv u jiżgura li l-benefiċċji ta' tali investiment jiġu diretti lura liċ-ċittadini fil-forma ta' introjtu tal-irtirar ogħla u affidabbli. Barra minn hekk, fl-Ittra ta' Missjoni[9] indirizzata lill-Kummissarju nnominat ta' dak iż-żmien għas-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, il-President Von der Leyen enfasizzat l-importanza li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-pensjonijiet privati u okkupazzjonali biex iċ-ċittadini tal-UE jiġu appoġġati fl-iżgurar tal-irtirar tagħhom u biex jiġi ffaċilitat id-direzzjonar tat-tfaddil fl-ekonomija usa'.

Id-Direttiva 2008/94/KE[10] dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom tistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-intitolamenti tal-pensjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddem.

Id-Direttiva 2003/41/KE[11] dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (l-ewwel Direttiva IORP) ġiet introdotta bl-għan li jinħoloq qafas prudenzjali konsistenti għall-istituzzjonijiet tal-pensjonijiet okkupazzjonali fis-suq intern. L-objettivi primarji tagħha kienu jinkludu li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji, li tiġi promossa governanza tajba u trasparenza, u li tiġi indirizzata l-frammentazzjoni kkawżata minn reġimi superviżorji u regolatorji nazzjonali differenti. Bl-istabbiliment ta' standards komuni minimi u l-possibbiltà tal-ġestjoni transfruntiera tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali, id-Direttiva IORP kellha l-għan li toħloq suq intern għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali. Ħeġġet l-investiment prudenti u effiċjenti tal-assi tal-pensjonijiet, u b'hekk appoġġat is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjonijiet u l-mobilizzazzjoni tat-tfaddil għal investiment produttiv fl-ekonomija tal-Unjoni Ewropea.

Id-Direttiva 2016/2341[12] (id-Direttiva IORP II), li rriformulat u ħassret l-ewwel Direttiva IORP, kienet xprunata mill-ħtieġa li jissaħħu l-governanza, it-trasparenza u l-effettività operazzjonali transfruntiera tal-fondi tal-pensjonijiet okkupazzjonali fl-UE. L-għarfien miksub mill-implimentazzjoni tal-ewwel Direttiva IORP kien wera varjazzjonijiet sinifikanti fl-eżekuzzjoni bejn Stati Membri differenti, u wera inadegwatezzi fil-livell ta' protezzjoni offrut lill-membri u lill-benefiċjarji. B'risposta għal dan, id-Direttiva IORP II stabbiliet standards prudenzjali u ta' governanza aktar stretti, flimkien ma' rekwiżiti mtejba relatati mad-divulgazzjoni u mat-trasparenza, u inkludiet miżuri li jiffaċilitaw il-ġestjoni transfruntiera tal-iskemi tal-pensjonijiet. Dan it-titjib sar biex jiġi żgurat li l-pensjonijiet okkupazzjonali jibqgħu siguri, sostenibbli u effiċjenti f'suq tax-xogħol dejjem aktar mobbli u integrat tal-UE.

L-ambizzjoni li tiġi riveduta d-Direttiva IORP II twieġeb għall-isfidi ekonomiċi, demografiċi u ta' politika li qed ikun hemm, b'enfasi mġedda fuq is-sigurtà tal-irtirar taċ-ċittadini. Hija tfittex li ssaħħaħ il-kapaċità tal-fondi tal-pensjonijiet okkupazzjonali li jipprovdu introjtu

---

9 Ittra ta' missjoni.

10 Id-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 36).

11 Id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32003L0041).

12 Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (riformulazzjoni) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

adegwat għall-irtirar, li jaġixxu bħala investituri stabbli fit-tul li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli, u li jikkontribwixxu għar-reżiljenza u l-approfondiment tas-swieq kapitali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, ir-rieżami tad-Direttiva IORP II għandu l-għan li jsaħħaħ il-qafas għall-proviżjonament ta' pensjonijiet garantiti b'assi u li jrawwem eżiti aħjar ta' investiment fit-tul għall-membri u l-benefiċjarji. Hija tfittex li tagħmel l-IORPs aktar rilevanti u aċċessibbli għall-Istati Membri fejn bħalissa huma sottożviluppati, filwaqt li tippromwovi prestazzjoni tal-investiment aktar b'saħħitha u aktar sostenibbli fl-Unjoni Ewropea. Għandha wkoll l-għan li ttejjeb it-trasparenza kemm fir-rigward tal-kostijiet kif ukoll tar-redditi, issaħħaħ il-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju u tneħħi l-ostakli li bħalissa jfixklu investiment effiċjenti. Il-qafas emendat għalhekk se jiffavorixxi allokazzjoni tal-assi aktar effiċjenti u jagħti valur akbar lill-membri. B'dan il-mod, l-għan tar-riforma proposta hu li tgħolli l-istandards fix-xenarju tal-pensjonijiet supplimentari, filwaqt li trawwem valur akbar, reżiljenza akbar u sigurtà fit-tul għall-membri. Dan jista' jgħin biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni persistenti, jiġi sfruttat investiment fit-tul aktar effiċjenti u produttiv, u jiġi żgurat li firxa akbar ta' arranġamenti tal-pensjonijiet joperaw skont standards ta' governanza tajba u trasparenza. L-emenda se tikkontribwixxi wkoll għall-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti billi tiżblokka investiment produttiv fit-tul, issaħħaħ l-integrazzjoni tas-suq u tappoġġa t-tkabbir sostenibbli fl-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-Unjoni Ewropea implimentat diversi inizjattivi ewlenin biex issaħħaħ il-pajsaġġ tal-pensjonijiet supplimentari:

- id-Direttiva 98/49/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan l-UE[13];
- id-Direttiva 2014/50/UE tas-16 ta' April 2014 dwar ir-rekwiżiti minimi sabiex tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari[14];
- id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs), magħrufa bħala IORP II, li ssaħħaħ il-governanza, id-divulgazzjoni tal-informazzjoni, u r-rekwiżiti transfruntiera għall-fondi ta' pensjoni okkupazzjonali[15];

---

13 Id-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46).

14 Id-Direttiva (UE) 2014/50 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi sabiex tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 1).

15 Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

- ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP), li jistabbilixxi qafas tal-pensjoni personali volontarju u standardizzat madwar l-UE[16].

Din il-proposta ssaħħaħ il-qafas għall-IORPs stabbilit fid-Direttiva IORP II u tibni fuqu, kif spjegat f'aktar dettall fit-taqsima 3 hawn taħt. Hija parti minn pakkett wiesa' tal-pensjonijiet li jinkludi r-rieżami tar-Regolament (UE) 2019/1238 (ir-Regolament dwar il-PEPP), ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar id-Dashboards tal-Pensjonijiet, is-Sistemi ta' Traċċar tal-Pensjonijiet, u l-Awtoreġistrazzjoni, kif ukoll il-Komunikazzjoni Chapeau dwar il-Pakkett tal-Pensjonijiet Supplimentari. Il-pakkett tal-pensjonijiet huwa wieħed mir-riżultati ewlenin tal-aġenda tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. Il-bidliet u r-rakkomandazzjonijiet proposti ġew abbozzati biex tiġi żgurata l-konsistenza fid-diversi leġiżlazzjonijiet u bl-istess objettiv ġenerali.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-UE**

L-implimentazzjoni tal-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti teħtieġ firxa komprensiva ta' miżuri ta' politika, li jaffettwaw diversi dimensjonijiet tas-sistema finanzjarja tal-UE. Dawn il-miżuri ta' politika jistgħu jinġabru taħt erba' intestaturi distinti iżda relatati ma' xulxin: (a) Ċittadini u Tfaddil, (b) Investimenti u Finanzjament, (c) Integrazzjoni u Skala, u (d) Superviżjoni Effiċjenti madwar is-Suq Uniku. Kull waħda minn dawn l-intestaturi tiġi diskussa fit-taqsimiet li ġejjin.

Il-pakkett tal-Pensjonijiet jaqa' taħt l-intestatura "Ċittadini u Tfaddil". Billi ssaħħaħ il-qafas għall-IORPs, il-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-objettiv tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti — li tagħti s-setgħa liċ-ċittadini biex ifaddlu u jinvestu għall-futur tagħhom permezz ta' prodotti trasparenti, kompetittivi u aċċessibbli. It-tisħiħ tal-qafas tal-IORP jappoġġa skala akbar, konsolidazzjoni u effiċjenza transfruntiera fis-settur tal-pensjonijiet supplimentari permezz ta' skrutinju superviżorju msaħħaħ u rieżami tematiku usa'. Billi jiffaċilita parteċipazzjoni akbar ta' dawk li jfaddlu għall-pensjoni fis-swieq kapitali, il-pakkett tal-Pensjonijiet jikkontribwixxi wkoll għall-kisba tal-objettivi usa' tal-SIU — li jiġi mobilizzat it-tfaddil tal-familji għal investiment produttiv; opportunitajiet ta' finanzjament aktar tajbin għall-ekonomija tal-UE, anke billi jiġu attirati flus minn fondi ta' pensjoni fi programmi bħal InvestEU u billi l-istituzzjonijiet finanzjarji jiġu megħjuna jiksbu skala, kompetittività globali u diversifikazzjoni. B'hekk tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' investiment fit-tul tagħha, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

L-iżvilupp u t-tkabbir tal-IORPs jistgħu jgħinu biex aktar kapital fit-tul jiġi dirett lejn is-swieq kapitali tal-Unjoni Ewropea u, permezz tagħhom lejn l-ekonomija ġenerali — f'mument fejn l-ekonomija tal-UE teħtieġ b'mod urġenti li tuża l-investimenti biex issaħħaħ il-kompetittività tagħha. Ir-rieżami tad-Direttiva IORP II huwa għalhekk konformi mal-istrateġija wiesgħa tal-Kummissjoni li tagħti ħajja ġdida lill-ekonomija tal-UE, kif deskritt fil-Boxxla għall-Kompetittività[17].

Ir-rieżami tad-Direttiva IORP II huwa konsistenti mal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR, European Pillar of Social Rights), speċifikament il-Prinċipju 15

---

16 Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP), li jistabbilixxi qafas tal-pensjoni personali volontarju u standardizzat madwar l-UE (OJ L 198, 25.7.2019, p. 1).

17 Il-Boxxla għall-Kompetittività - il-Kummissjoni Ewropea.

tiegħu li jafferma d-"dritt għal introjtu adegwat fix-xjuħija" u "standards tal-għajxien deċenti" għall-pensjonanti. Filwaqt li d-Direttiva IORP II hija primarjament qafas prudenzjali u ta' governanza, l-għanijiet ewlenin tagħha — it-tisħiħ tal-kapaċità tal-fondi okkupazzjonali biex jipprovdu introjtu adegwat, jipproteġu l-interessi tal-membri u tal-benefiċjarji, u jtejbu t-trasparenza kemm dwar il-kostijiet kif ukoll dwar ir-redditu — huma kollha essenzjali biex jiġu pprovduti pensjonijiet supplimentari sostenibbli u adegwati.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-bażijiet legali għall-emenda tad-Direttiva IORP II huma l-Artikolu 53, l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikoli 53 u 62 jipprevedu l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw l-inizjar u t-twettiq ta' attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu l-istabbiliment u l-operat transfruntier tal-IORPs fi ħdan is-suq intern skont standards prudenzjali, ta' governanza u superviżorji konsistenti. L-Artikolu 114(1) jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom bħala t-tir tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Il-kapaċità tal-forniturі li jużaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi għadha mxekkla minnuqqas ta' standardizzazzjoni tal-prodotti tal-pensjoni okkupazzjonali eżistenti. Il-proposta għalhekk timmira li ttejjeb l-elementi ewlenin tal-qafas għall-IORPs biex jinħoloq mudell aktar koerenti. Dan se jagħti s-setgħa lill-membri u lill-benefiċjarji tagħhom biex jagħmlu użu sħiħ mis-suq intern, billi joffrilhom għażla akbar ta' forniturі, inkluż fi Stati Membri. Il-proposta tarmonizza l-karatteristiċi ewlenin tal-IORPs: trasparenza mtejba fir-rigward tal-kostijiet u tar-redditi, tal-prattiki ta' ġestjoni tar-riskju u tal-politiki ta' investiment effiċjenti.

• Sussidjarjetà

Skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, l-UE tista' tieħu azzjoni biss jekk l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħu jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom. Id-Direttiva IORP II ilha stabbilita fil-livell tal-Unjoni Ewropea mill-2019 minħabba li azzjoni tal-UE biss tista' tistabbilixxi qafas regolatorju komuni għall-IORPs. F'dan ir-rigward, din il-proposta, bħad-Direttiva IORP II li tfittex li temenda, hija f'konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

• Proporzjonalità

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-UE ma għandhomx jagħmlu iżjed minn dak li jkun meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati.

L-IORPs fil-prinċipju diġà jistgħu jiġu stabbiliti fl-Istati Membri kollha, iżda ma laħqux il-potenzjal sħiħ tagħhom li jidderieġu biżżejjed tfaddil lejn is-swieq kapitali u ta' kontribuzzjoni għall-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. Dan huwa partikolarment rilevanti minħabba l-pressjonijiet demografiċi u l-ħtieġa dejjem akbar li jiġi żgurat introjtu sostenibbli u adegwat fl-irtirar.

Il-qafas stabbilit bid-Direttiva IORP II ma kisibx skala suffiċjenti li hija kundizzjoni ewlenija biex jitjiebu l-eżiti fit-tul għall-membri u l-benefiċjarji. B'hekk, id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja din il-proposta eżamina diversi għażliet ta' politika.

Ix-xenarju ta' "l-ebda azzjoni tal-UE" ma jilħaqx l-objettivi tal-UE. Madankollu, armonizzazzjoni sħiħa tar-reġimi nazzjonali tal-pensjonijiet okkupazzjonali tkun sproporzjonata, minħabba d-differenzi fis-swieq nazzjonali u l-livelli differenti ta' żvilupp tas-sistemi tal-pensjonijiet.

F'dan il-kuntest, reviżjoni mmirata tal-qafas tal-IORPs tkun rispons proporzjonat. L-approċċ propost jikkomplementa r-reġimi nazzjonali eżistenti, filwaqt li jiżgura wkoll livell suffiċjenti ta' armonizzazzjoni biex jiffaċilita l-iskala u jtejjeb l-eżiti tal-investiment. Il-karatteristiċi ewlenin — trasparenza mtejba tal-kostijiet u tar-redditi, prattiki robusti msaħħa ta' ġestjoni tar-riskju, u t-tneħħija ta' ostakli li bħalissa jfixklu l-investiment effiċjenti — tfasslu biex jiżguraw protezzjoni suffiċjenti tal-konsumatur mingħajr ma jimponu piżijiet regolatorji bla bżonn.

Il-piż amministrattiv tal-proposta huwa mistenni li jibqa' limitat minħabba li sempliċiment taġġusta l-karatteristiċi tar-regoli eżistenti tal-UE kollha għall-IORPs. Dawn l-entitajiet diġà huma soġġetti għal sorveljanza regolatorja mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs, national competent authorities) skont l-oqfsa settorjali eżistenti. Kwalunkwe obbligu ġdid ta' rapportar ikun proporzjonat għar-riskji ta' żieda fl-attività transfruntiera u jappoġġa l-monitoraġġ effettiv tas-suq u l-protezzjoni tal-konsumatur. B'mod ġenerali, il-proposta tissimplifika l-prattiki eżistenti fl-Unjoni Ewropea.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija emenda għad-Direttiva IORP II. L-istrument magħżul huwa għalhekk Direttiva emendatorja minħabba li biex jintlaħqu l-objettivi ta' din il-proposta ma jista' jintuża l-ebda mezz alternattiv (leġiżlattiv jew operazzjonali).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika mmirata mit-13 ta' Ġunju 2025 sad-29 ta' Awwissu 2025, fejn talbet feedback dwar reviżjonijiet possibbli għad-Direttiva IORP II. Il-konsultazzjoni rċeviet total ta' 112-il sottomissjoni minn grupp varjat ta' partijiet ikkonċernati, inklużi assoċjazzjonijiet tan-negozju, kumpaniji, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, NGOs, awtoritajiet pubbliċi, u ċittadini, b'rappreżentanza ta' 11-il Stat Membru tal-UE u żewġ pajjiżi mhux tal-UE. Il-partijiet ikkonċernati indikaw li l-flessibbiltà u d-diversifikazzjoni fl-investiment, flimkien ma' governanza b'saħħitha u aktar trasparenza, itejbu l-qafas attwali.

Il-Kummissjoni nediet Sejħa għal Evidenza fit-23 ta' Ġunju 2025, bi skadenza fil-21 ta' Lulju 2025, biex tiġbor kummenti ġenerali, opinjonijiet, u fehmiet dwar it-titjib tal-qafas eżistenti għall-pensjonijiet supplimentari u biex taqsam l-evidenza dwar l-aħjar prattiki. Is-sejħa rċeviet total ta' 47 sottomissjoni, li jammontaw għal 35 tweġiba unika, minn diversi organizzazzjonijiet, bħal assoċjazzjonijiet tan-negozju u tal-impjegaturi, NGOs, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, u ċittadini, minn 12-il Stat Membru tal-UE u erba' pajjiżi mhux tal-UE. B'mod ġenerali, il-maġġoranza l-kbira tar-rispondenti qablu li huwa meħtieġ titjib fil-pensjonijiet supplimentari sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom għall-benefiċċju taċ-ċittadini u l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fit-28 ta' Settembru 2023, l-EIOPA pprovdiet parir tekniku għar-rieżami tad-Direttiva IORP II[18]. Hi rrakkomandat (i) l-aġġornament tal-qafas regolatorju tal-IORP biex tiġi indirizzata l-bidla minn benefiċċju definit għal pensjonijiet b'kontribuzzjonijiet definiti u sfidi soċjoambjentali; (ii) it-tisħiħ tat-trasparenza tal-kostijiet, is-sostenibbiltà fl-investimenti u r-regolamentazzjoni xierqa ta' skemi tal-pensjoni b'benefiċċji definiti; u (iii) it-titjib tal-miżuri ta' proporzjonalità.

Fis-16 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ospitat forum tal-partijiet ikkonċernati[19] biex tesplora x-xejriet emerġenti fil-proviżjonament ta' rtirar madwar l-UE. F'dan il-forum ġew diskussi l-aħjar prattiki fl-Istati Membri u twittiet it-triq għall-kondiviżjoni ta' strateġiji ta' suċċess madwar l-UE. L-istampa wriet stejjer ta' suċċess b'rabta mal-pensjonijiet tat-tieni u t-tielet pilastru u esplorat kif l-aħjar prattiki jistgħu jintużaw bħala gwidi għal aktar riformi. Il-partijiet ikkonċernati kollha attivi fil-forniment ta' prodotti tal-irtirar taw il-feedback tagħhom waqt id-diskussjonijiet. Il-parteċipanti qablu li kien meħtieġ rieżami tad-Direttiva IORP II biex jittejbu l-eżiti għall-pensjonanti.

L-EIOPA ppreżentat input tekniku[20] mitlub mill-Kummissjoni biex tappoġġa l-iżvilupp tal-pensjonijiet supplimentari fil-5 ta' Settembru 2025 u ttejjeb is-sistema tal-pensjonijiet supplimentari. L-EIOPA rrakkomandat (i) superviżjoni aktar b'saħħitha, (ii) approċċ aktar ibbażat fuq ir-riskju biex jitrawmu opportunitajiet ta' investiment f'assi alternattivi, u (iii) kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva IORP II sabiex ikomplu jiġu sfruttati l-benefiċċji tat-tfaddil fit-tul.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija appoġġata minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li qies l-impatt tal-emendi proposti.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jeżamina erba' għażliet għad-Direttiva emendatorja proposta:

L-**Għażla 1** iżżomm il-qafas attwali tad-Direttiva IORP II mhux emendat u tistrieħ fuq tkabbir organiku bil-mod biex ikun hemm skala u titjib maż-żmien. Din l-għażla twarrbet minħabba l-ħtieġa li jissaħħaħ l-att dwar il-pensjonijiet supplimentari taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea kif deskritt hawn fuq.

L-**Għażla 2** tiċċara l-prinċipju tal-"persuna prudenti". Din il-kjarifika tippromwovi bidla fl-enfasi tal-politiki ta' investiment tal-IORPs lil hinn mill-allokazzjonijiet tal-assi konservattivi li jittraskuraw il-komponent tar-redditu tal-objettivi tal-fondi tal-pensjoni lejn strateġiji ta' investiment b'riskju u redditu aktar bilanċjati li (i) isegwu valur fit-tul għall-membri tal-iskemi tal-pensjoni billi jiddiversifikaw ir-riskji, inkluż fost il-klassijiet tal-assi, u (ii) huma ggwidati minn governanza tajba, u l-għarfien u l-kapaċità li jimmaniġġjaw ir-riskji meħuda. Għandu jiġi enfasizzat li l-kisba ta' skala adegwata ssaħħaħ il-kapaċità tal-IORPs li jiddiversifikaw b'mod effettiv, jimmaniġġjaw ir-riskji b'mod olistiku, u jaċċessaw sett wiesa'

---

18 *Technical advice for the review of the IORP II Directive*, EIOPA.

19 *Stakeholder forum & reality check on retirement savings.*

20 Technical input for the reviews of the IORP II Directive and the PEPP Regulation in the context of the Savings and Investments Union, l-EIOPA.

ta’ opportunitajiet ta’ investiment, filwaqt li josservaw standards ta’ governanza tajba u ta’ ġestjoni tar-riskju.

L-**Għażla 3** temenda d-Direttiva IORP II biex issaħħaħ is-sorveljanza superviżorja, l-istandards ta’ governanza u t-trasparenza, filwaqt li sserraħ primarjament fuq id-djalogu superviżorju u l-pressjoni morali biex tinkoraġġixxi titjib fl-iskalar, fl-effiċjenza u fil-kwalità tal-iskemi. F’dan l-approċċ, l-NCAs jużaw miżuri superviżorji u jwettqu rieżamijiet tematiċi regolari ta’ oqsma ewlenin tal-prestazzjoni bħar-riżultati tal-investiment, il-kosteffiċjenza, it-twettiq tal-indiċjar, u kwalunkwe tnaqqis tal-benefiċċji. Dawn ir-rieżamijiet jivvalutaw ukoll l-allinjament tal-istrateġiji ta’ investiment mal-obbligi tal-fondi ta’ pensjoni u l-kompetenza tal-fiduċjarji jew tal-bordijiet li jissorveljaw l-iskemi. Ladarba jkun hemm qbil dwar il-pjanijiet biex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet u tittieħed azzjoni dwarhom, dak il-proċess jista’, fejn meħtieġ, jinkludi kunsiderazzjoni ta’ mezzi potenzjali ta’ scale-up. Ir-regoli dwar it-trasferiment jiġu ssimplifikati sabiex il-qafas tal-IORP II isir aktar aċċessibbli, b’mod partikolari fl-Istati Membri fejn is-settur tal-pensjonijiet okkupazzjonali għadu sottożviluppat.

Lil hinn mill-pressjoni morali, din l-għażla timplimenta l-elementi ewlenin tar-rakkomandazzjonijiet tekniċi tal-EIOPA bl-għan li jitjiebu b’mod progressiv il-prattiki ta’ investiment, it-trasparenza u l-governanza fl-iskemi supplimentari ta’ pensjoni. L-enfasi tkun fuq it-tisħiħ tal-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju, it-titjib tad-divulgazzjoni tal-kostijiet u tar-redditi, u l-appoġġ għal strateġiji ta’ investiment aktar sostenibbli u bbilanċjati. Ir-riforma tfittex ukoll li tindirizza l-ostakli strutturali li jillimitaw l-effiċjenza u l-iskalar, bħall-frammentazzjoni, il-kooperazzjoni limitata bejn l-iskemi, u l-kapaċità superviżorja mhux uniformi. Dawn il-miżuri ma jittrasformawx is-sistema b’mod radikali fi żmien qasir, iżda gradwalment jistgħu jtejbu l-prestazzjoni, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tal-IORPs. Maż-żmien, il-qafas jibda jappoġġa operazzjoni transfruntiera aktar effettiva, eżiti ta’ investiment aħjar u livell ogħla ta’ protezzjoni għall-membri u għall-benefiċjarji.

L-**Għażla 4** żżomm l-elementi kollha tal-Għażla 3, inklużi rieżamijiet tematiċi, nudges, prattiki superviżorji mtejba, u l-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-EIOPA. Madankollu, dan imur lil hinn billi jiġu introdotti rekwiżiti regolatorji vinkolanti u interventi superviżorji speċifiċi biex jiġu indirizzati l-ineffiċjenzi strutturali persistenti. Miżura ewlenija tkun l-istabbiliment ta’ skalar minimu effiċjenti obbligatorju għall-IORPs. Dan jista’ jinkludi l-għoti ta’ mudelli għall-istralċ jew għal skemi ta’ fużjoni f’każijiet fejn l-iskala ta’ effiċjenza minima u l-prestazzjoni ma jintlaħqux. Dan jista’ jinvolvi wkoll il-ħatra obbligatorja ta’ trustees tal-iskema jekk il-pożizzjoni vakanti eżistenti ma jimtlewx minnufih jew jekk id-detenturi attwali ta’ kariga ma jkollhomx il-ħila meħtieġa għall-ġestjoni effettiva ta’ strateġija ta’ portafoll ta’ investiment. Madankollu, dan l-approċċ ikun joħloq domanda sinifikanti fuq il-kapaċitajiet superviżorji u jista’ jesponi lis-superviżuri għal riskji ta’ responsabbiltà jekk il-fornituri tal-pensjonijiet ifittxu rieżami ġudizzjarju. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta’ skala effiċjenti minima obbligatorja għall-IORPs ikun jeħtieġ żmien u riżorsi sinifikanti, filwaqt li l-iskala ottimali xorta tista’ tvarja minn IORP għal oħra. Miżura bħal din

tmur ukoll kontra approċċ immexxi mis-suq billi tawtorizza konsolidazzjoni "minn fuq għal isfel" li mhijiex kompatibbli mal-istrutturi ta' governanza attwali tal-IORP[21].

L-Għażla 3 hija l-għażla magħżula.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, id-dritt għall-proprjetà, il-libertà ta' intrapriża u l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Artikolu 38 tal-Karta li jipprevedi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet materjali għall-baġit tal-UE. L-EIOPA għandha tkun tista' takkomoda l-kompiti addizzjonali ta' koordinazzjoni u konverġenza superviżorja, inkluż l-istabbiliment ta' pjattaformi ta' kollaborazzjoni, fi ħdan ir-riżorsi eżistenti tagħha.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Istati Membri jkunu meħtieġa jittrasponu d-Direttiva fi żmien sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi għad-Direttiva IORP II. L-Istati Membri mbagħad jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin adottati fil-liġi nazzjonali.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni**

Id-Direttiva proposta tkun iddaħħal emendi speċifiċi għal Direttiva eżistenti. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jew jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-emendi korrispondenti fid-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom jew, jekk iqisu li tali emenda ma tkunx meħtieġa, jispjegaw liema dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi nazzjonali diġà jimplimentaw l-emendi stabbiliti fil-proposta.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 tal-proposta jemenda d-Direttiva (UE) 2016/2341. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi li huma emendati huma dawn li ġejjin:

– L-Artikolu 4 jippermetti lill-Istati Membri japplikaw id-Direttiva (UE) 2016/2341 għal istituzzjonijiet iffinanzjati li jipprovdu benefiċċji tal-irtirar li mhumiex koperti b'mod ieħor mil-leġiżlazzjoni prudenzjali tal-Unjoni.

– L-Artikolu 9 jirrikjedi li l-IORPs jgħaddu minn proċedura ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, li għandha tinkludi evalwazzjoni prudenzjali u t-tħejjija ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju.

---

[21] Anki li kieku tali approċċ "minn fuq għal isfel" kien possibbli, il-konsolidazzjoni obbligatorja xorta tista' tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, li d-deċiżjoni tagħha ma tkunx marbuta bir-regoli ta' din il-proposta.

– L-Artikolu 9a jiżgura li l-IORPs jitħallew joperaw skemi tal-pensjoni differenti, inklużi dawk li jkollhom politika ta' investiment differenti, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi sponsor fl-istess skema tal-pensjoni.

– L-Artikoli 11 u 11a jissimplifikaw il-proċeduri transfruntiera għall-IORPs billi jintroduċu skedi ta' żmien aktar ċari, koordinazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll proċess ta' notifika simplifikat biex jiġu estiżi l-attivitajiet transfruntiera eżistenti fl-istess Stat Membru ospitanti.

– L-Artikolu 12 jissimplifika r-regoli li jirregolaw it-trasferimenti tal-iskemi tal-pensjoni, filwaqt li jnaqqas l-ostakli bla bżonn għall-konsolidazzjoni u l-iskalar filwaqt li jiżgura protezzjoni adegwata tal-membri u tal-benefiċjarji.

– L-Artikolu 14 jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa li jippermettu sottofinanzjament għal perjodu limitat, iddeterminat skont il-liġi nazzjonali, li fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż l-10 snin, u jneħħi rekwiżiti addizzjonali għall-IORPs transfruntieri.

– L-Artikolu 17 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta att delegat biex temenda ċ-ċifri u l-valuri perċentwali tal-marġni ta' solvenza meħtieġ sabiex isir adattament għall-iżviluppi tas-suq.

– L-Artikolu 18a jirrikjedi li l-IORPs, li mhumiex soġġetti għal rekwiżiti tal-fondi proprji regolatorji bbażati fuq ir-riskju u li jissottoskrivu riskji bijometriċi jew jipprovdu garanziji, iwettqu test tal-istress mill-inqas kull 3 snin, filwaqt li jivvalutaw il-kapaċità tagħhom li jissodisfaw l-obbligi f'xenarji tas-suq u demografiċi avversi. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu ttestjar aktar frekwenti jekk jiġu identifikati vulnerabbiltajiet. Id-dispożizzjoni tispeċifika xenarji ta' stress standard, u tippermetti lill-Istati Membri jimponu orizzonti ta' projezzjoni itwal jew suppożizzjonijiet aktar severi. L-Artikolu jipprevedi wkoll li meta r-riżultati tat-testijiet tal-istress jindikaw assi jew marġnijiet ta' solvenza disponibbli insuffiċjenti, l-IORPs għandhom jissottomettu pjan ta' konverġenza li jispjega l-miżuri korrettivi. Fl-aħħar mill-aħħar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu marġnijiet akbar ta' solvenza jekk il-pjan ma jkunx kredibbli jew ma jiġix sottomess.

– L-Artikolu 19 jintroduċi prinċipju tal-"persuna prudenti" bbażat aktar fuq il-prinċipji u jirrestrinġi l-kapaċità li jiġu stabbiliti regoli aktar dettaljati għal skemi fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju tal-investiment, mingħajr possibbiltà li jiġu ristretti t-tipi ta' assi li fihom tista' tinvesti IORP. Dan ma jaffettwax il-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu restrizzjonijiet fejn ir-riskji jiġġarrbu mill-membri u mill-benefiċjarji, u sakemm tali restrizzjonijiet ma jammontawx għal projbizzjonijiet ġeneralizzati.

– L-Artikolu 21 jipprevedi li s-sistema ta' governanza trid tinkludi mekkaniżmu effettiv għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u tinkludi funzjoni ta' verifika tal-konformità.

– L-Artikolu 22 isaħħaħ ir-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità. Il-kwalifiki, l-għarfien u l-esperjenza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju għandhom jibqgħu jkunu kollettivament suffiċjenti biex ikunu f'pożizzjoni li jwettqu dmirijiethom b'mod effettiv. B'kuntrast ma' dan, ir-rekwiżiti huma msaħħa għall-persuni li effettivament imexxu l-IORP, li għandhom jissodisfaw individwalment l-istandards meħtieġa tal-kompetenza u l-idoneità.

– L-Artikolu 26 jipprevedi li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-awditu intern għandhom jiġu rrapportati lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li għandu jiddetermina l-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' kull sejba u rakkomandazzjoni u għandu jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

– L-Artikolu 28 jiżgura li l-IORPs jistabbilixxu politika bil-miktub għall-awtovalutazzjoni tar-riskji, li jkun fiha l-proċessi u l-proċeduri għat-twettiq tal-valutazzjoni, il-frekwenza tal-valutazzjoni u l-metodi.

– L-Artikolu 30 jirrikjedi li d-dikjarazzjoni tal-prinċipji tal-politika ta' investiment tistabbilixxi b'mod ċar l-objettivi ta' investiment konsistenti mal-miri tal-introjtu tal-irtirar ta' kull skema, u tiddefinixxi t-tolleranzi għad-devjazzjonijiet mill-objettivi tal-allokazzjoni tal-assi u tal-prestazzjoni, f'konformità mal-Prinċipji Ewlenin tal-OECD għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjonijiet Privati u mal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni.

– L-Artikolu 33 jiżgura li, fil-każ ta' skema tal-pensjoni fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, is-salvagwardja tal-assi u d-dmirijiet ta' sorveljanza jkunu aktar qawwija.

– L-Artikoli 36 sa 44 isaħħu l-informazzjoni li tingħata lill-membri u lill-benefiċjarji matul il-fażijiet ta' akkumulazzjoni u dekumulazzjoni. B'mod partikolari, l-Artikolu 37a jirrikjedi li l-IORPs jaqsmu l-informazzjoni rilevanti mas-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet biex itejbu t-trasparenza u jiffaċilitaw l-għarfien tal-membri u tal-benefiċjarji dwar l-intitolamenti tagħhom.

– L-Artikolu 44a jintroduċi dmir espliċitu ta' diliġenza għall-IORPs, li jobbligahom jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali, fl-aħjar interess tal-membri u tal-benefiċjarji.

– L-Artikoli 44c u 44d jirrikjedu li l-IORPs jistabbilixxu proċeduri effettivi għat-trattament tal-ilmenti, u li l-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà ta' korpi adegwati, indipendenti u imparzjali għas-soluzzjoni ta' tilwim, inkluż għal każijiet transfruntiera.

– L-Artikoli 45 sa 51 isaħħu s-superviżjoni u jqawwu s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti. B'mod partikolari, l-Artikolu 49a jintroduċi djalogu superviżorju regolari, li l-għan tiegħu hu l-inkoraġġiment ta' riflessjoni strateġika dwar l-adegwatezza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fit-tul tal-IORP.

– L-Artikoli 6, 7, 13, 16, 36, 47, 50 u 51 jirrikonoxxu li f'xi Stati Membri l-IORPs jistgħu jipprovdu prodotti tal-pensjoni personali, inkluż il-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP, pan-European Personal Pension Product), u jiżguraw li l-qafas prudenzjali jirrifletti din il-possibbiltà li jiġu promossi l-koerenza, l-organizzazzjoni soda u s-superviżjoni effettiva fil-forom kollha tal-provvista ta' rtirar.

– L-Artikoli 19, 21, 23 sa 26, 28, 47 u 49 huma emendati sabiex ir-referenzi għal "daqs, natura, skala u kumplessità" jiġu sostitwiti b'"natura, skala u kumplessità", peress li d-"daqs" mhuwiex kriterju xieraq għall-IORPs, li r-rekwiżiti prudenzjali u ta' governanza tagħhom aktar għandhom jirriflettu l-profil tar-riskju tagħhom milli d-daqs assolut tagħhom, f'konformità mal-prinċipju tas-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju.

Dispożizzjonijiet oħra huma modifikati għall-aġġornamenti u bidliet żgħar.

L-Artikolu 2 tal-proposta jemenda d-Direttiva (UE) 2016/97. Dan jiżgura li l-membri u l-benefiċjarji ta' arranġamenti ta' pensjoni okkupazzjonali operati minn impriżi tal-assigurazzjoni jkollhom, mill-inqas, aċċess għall-istess informazzjoni bħall-membri u l-benefiċjarji fil-każ ta' arranġamenti operati minn IORPs, u li l-impriżi tal-assigurazzjoni u l-intermedjarji tal-assigurazzjoni jkollhom bażi legali xierqa biex jaqsmu l-informazzjoni mas-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet.

L-Artikolu 3 tal-proposta jintroduċi arranġamenti ta' anterjorità, sabiex l-IORPs irreġistrati jew awtorizzati skont id-Direttiva (UE) 2016/2341 qabel il-bidla fir-regoli ta' awtorizzazzjoni ma jkollhomx bżonn ifittxu awtorizzazzjoni ġdida.

2025/0362 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi (UE) 2016/2341 u 2016/97 għat-tisħiħ tal-qafas għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53, l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkonsultat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja[2],

Billi:

(1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, it-tisħiħ tas-sorsi komplementari tal-introjtu tal-irtirar sar indispensabbli biex jiġu ppreservati s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni fl-Unjoni.

(2) Filwaqt li l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet tibqa' kompetenza nazzjonali, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-pensjonijiet huma ta' tħassib komuni għall-istabbiltà u għall-koeżjoni tal-Unjoni. L-iżgurar li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal prodotti tal-pensjoni personali konċepiti tajjeb jikkontribwixxi kemm għas-sigurtà finanzjarja individwali kif ukoll għar-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni.

(3) Minkejja li huma fost l-ogħla faddala fid-dinja, il-familji tal-Unjoni għad għandhom sehem kbir mill-ġid finanzjarju tagħhom f'depożiti bankarji fuq terminu qasir b'redditi limitati. L-iżvilupp ta' prodotti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali attraenti jista' jgħin biex jimmobilizza dak it-tfaddil għal investiment fit-tul, jiġġenera redditi ogħla għal dawk li jfaddlu u jidderieġi l-kapital lejn użi produttivi li jappoġġaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

(4) Ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni xierqa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali jibqgħu importanti għall-iżvilupp ta' provvista ta' rtirar okkupazzjonali sikura u mingħajr periklu fost l-Istati Membri kollha. Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-

---

1 ĠU C , , p. .

2 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' …

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ikkontribwiet għal qafas prudenzjali aktar armonizzat għall-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs). Madankollu, is-settur tal-pensjonijiet supplimentari għadu sottożviluppat f'ħafna Stati Membri, u dan jista' jipperikola s-sigurtà finanzjarja taċ-ċittadini, b'mod partikolari fid-dawl tax-xejra demografika ta' bħalissa fl-Unjoni. Bħala parti minn sistemi tal-pensjonijiet b'saħħithom b'diversi pilastri, żviluppati fi djalogu mas-sħab soċjali, huwa essenzjali li jiġi appoġġat l-użu akbar minn pensjonijiet supplimentari bħall-IORPs u li tingħata għajnuna biex jinkisbu eżiti aħjar għal dawk li jfaddlu fit-tul. Dan jeħtieġ miżuri politiċi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni.

(5) L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) imħabbra mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2015[4] għandha l-għan li tippermetti liċ-ċittadini jfaddlu u jinvestu għall-futur tagħhom, jidderieġu l-investimenti lejn il-prijoritajiet tal-Unjoni, japprofondixxu l-integrazzjoni u l-iskala fis-swieq kapitali tal-Unjoni, u jiżguraw superviżjoni effettiva fis-suq uniku kollu. Minn dawn l-erba' fergħat, l-għajnuna liċ-ċittadini biex ifaddlu u jinvestu għall-futur tirrappreżenta l-fulkru tal-ambizzjoni tal-SIU. Li tieħu ħsieb li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu jibnu introjtu adegwat għall-irtirar huwa wieħed mill-aktar modi konkreti li bihom l-Unjoni tista' tagħmel differenza fil-ħajja tan-nies. Il-ħidma fuq il-pensjonijiet supplimentari, u b'mod partikolari fuq il-pensjonijiet okkupazzjonali, tinkorpora dan l-approċċ iċċentrat fuq iċ-ċittadini.

(6) B'madwar tliet triljun euro f'assi mmaniġġjati, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ("IORPs") għandhom rwol essenzjali fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni iżda għandhom it-tendenza li jkunu inqas attivi fis-swieq tal-ekwità kkwotata fil-borża, tal-ekwità privata, tal-kapital ta' riskju u tal-infrastruttura. Dment li l-investimenti fi klassijiet ta' ekwità u ta' assi alternattivi jiġu ġestiti b'mod prudenti, tali investimenti jistgħu jkunu komponent siewi tal-portafolli tagħhom, billi joffru diversifikazzjoni, redditi ogħla fit-tul għal dawk li jfaddlu għall-pensjoni u protezzjoni kontra l-inflazzjoni, filwaqt li jipprovdu wkoll finanzjament kruċjali għall-ekonomija reali. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli regolatorji bla bżonn għal investimenti bħal dawn.

(7) Ir-rieżami tad-Direttiva (UE) 2016/2341 jibni fuq il-parir tekniku tal-2023 tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għar-rieżami tad-Direttiva IORP II[5] u l-"input tekniku dwar ir-rieżami tad-Direttiva IORP II u r-Regolament dwar il-PEPP fil-kuntest tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti" tal-2025[6]. Iqis ukoll is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet reċenti mir-Rapport Speċjali 14/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-iżvilupp ta' pensjonijiet supplimentari fl-Unjoni[7], kif ukoll il-Prinċipji Ewlenin tal-OECD għar-Regolamentazzjoni tal-

---

3 Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (riformulazzjoni) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/2341/oj).

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2025, COM(2025) 124 final.

5 Ara *Technical advice for the review of the IORP II Directive*, EIOPA.

6 Ara *Technical input for the reviews of the IORP II Directive and the PEPP Regulation in the context of the Savings and Investments Union*, l-EIOPA.

7 Ara r-Rapport Speċjali 14/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Pensjoni Privata[8], li stabbilew standards rikonoxxuti internazzjonalment għall-governanza, it-trasparenza u s-superviżjoni tal-pensjonijiet okkupazzjonali.

(8) Il-kisba ta' skala suffiċjenti spiss hija prerekwiżit biex l-IORPs jiffunzjonaw b'mod effiċjenti u sostenibbli. L-IORPs iż-żgħar jistgħu jiffaċċjaw kostijiet amministrattivi u ta' investiment ogħla, diversifikazzjoni limitata, u diffikultajiet biex jattiraw jew iżommu l-kwalifiki professjonali meħtieġa. Skala akbar tista' tgħin biex jittaffew dawk ir-restrizzjonijiet billi jiżdiedu l-aggregazzjoni ta' riskji, il-kapaċità ta' governanza, u l-aċċess għal firxa usa' ta' opportunitajiet ta' investiment, u b'hekk tikkontribwixxi għal eżiti aktar stabbli u kosteffettivi għall-membri u l-benefiċjarji.

(9) Madankollu, id-Direttiva (UE) 2016/2341 ma kinitx effettiva biżżejjed biex trawwem ekonomiji ta' skala, u dan irriżulta f'forniturі tal-pensjonijiet li spiss ikunu żgħar wisq biex jibbenefikaw minn diversifikazzjoni jew titjib fl-effiċjenza, u għalhekk jesponu lill-membri u lill-benefiċjarji għal kostijiet ogħla u redditi netti aktar baxxi. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu ffaċilitati tali ekonomiji ta' skala.

(10) Id-Direttiva (UE) 2016/2341 jenħtieġ li tapplika għall-IORPs kollha, sakemm ma jkunux espressament esklużi skont l-Artikolu 2(2). L-applikazzjoni tagħha jenħtieġ li tirrifletti l-objettivi segwiti minn dik id-Direttiva u d-diversità tal-arranġamenti fi ħdan l-Istati Membri, u jenħtieġ li tiġi implimentata b'mod li jirrikonoxxi l-ispettru sħiħ tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali eżistenti.

(11) F'xi Stati Membri, il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-IORPs, minkejja li jkollhom personalità ġuridika, iridu jiġu operati minn entitajiet awtorizzati responsabbli li jaġixxu għan-nom tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2016/2341 jirreferi b'mod espliċitu mhux biss għal sitwazzjonijiet fejn l-IORPs ma jkollhomx personalità ġuridika, li jenħtieġ li jkomplu jkunu koperti, iżda wkoll għal dawk il-każijiet fejn l-IORPs għandhom personalità ġuridika imma, f'konformità mal-liġi nazzjonali, iridu jiġu operati minn tali entitajiet awtorizzati.

(12) F'ċerti Stati Membri, ir-responsabbiltà għall-operat ta' IORP tista' tinqasam bejn l-IORP innifisha u l-entità awtorizzata li taġixxi għan-nom tagħha, b'kull waħda twettaq funzjonijiet distinti iżda komplementari. L-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2341 jenħtieġ li tkun koerenti ma' dik l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fil-qafas tal-liġi nazzjonali, u tiżgura li dawk kollha responsabbli jkunu soġġetti bis-sħiħ għar-rekwiżiti tagħha, irrispettivament mill-forma ġuridika tal-IORP. Madankollu, jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn din is-sitwazzjoni u l-esternalizzazzjoni kif tissemma fl-Artikolu 31 ta' dik id-Direttiva, peress li t-twettiq kondiviż tar-responsabbiltajiet f'dawn il-każijiet jirriżulta mill-istruttura istituzzjonali tal-IORP kif definita skont il-liġi nazzjonali u mhux minn esternalizzazzjoni kuntrattwali tal-funzjonijiet. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-assi tal-IORPs ikunu legalment separati minn dawk tal-entitajiet awtorizzati li joperawhom.

(13) Id-determinazzjoni ta' jekk istituzzjoni tikkwalifikax bħala IORP jenħtieġ li tiddependi fuq l-attivitajiet imwettqa, irrispettivament mill-forma ġuridika jew id-dežinjazzjoni tagħha skont il-liġi nazzjonali. F'diversi Stati Membri, il-provvista tal-irtirar relatata mal-impjieg tingħata minn istituzzjonijiet iffinanzjati li huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2341 skont l-Artikolu 2(2) tagħha, jew li b'xi mod ieħor mhumiex koperti minn dik id-Direttiva mingħajr ma

[8] Ara l-*OECD Core Principles of Private Pension Regulation*.

jkunu soġġetti għal kwalunkwe leġiżlazzjoni prudenzjali oħra tal-Unjoni. Xi whud minn dawk l-istituzzjonijiet diġà huma koperti mir-Regolament (UE) 2018/231 tal-Bank Ċentrali Ewropew[9] dwar rekwiżiti ta' rapportar statistiku għal fondi tal-pensjoni, li jirrifletti l-importanza ekonomika tagħhom u l-ħtieġa għal informazzjoni komprensiva u konsistenti fit-tipi kollha ta' istituzzjonijiet tal-pensjonijiet. Meħuda flimkien, tali istituzzjonijiet esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2341 jżommu assi sostanzjali ħafna u jikkostitwixxu komponent importanti tax-xenarju ġenerali tal-irtirar relatat mal-impjieg flimkien mal-IORPs. Minħabba l-iskala u r-rilevanza tagħhom għall-istabbiltà finanzjarja u l-adegwatezza tal-pensjonijiet, huwa importanti li l-Istati Membri jiżguraw li l-istituzzjonijiet kollha li jimmaniġġjaw it-tfaddil għall-irtirar, kemm jekk okkupazzjonali kif ukoll jekk personali, ikunu soġġetti għal governanza tajba, superviżjoni effettiva u rekwiżiti prudenzjali proporzjonati man-natura u d-daqs tar-riskji li jġorru. Fid-dawl tal-qafas solidu previst mid-Direttiva (UE) 2016/2341 u biex tiġi promossa l-konsistenza fil-prattiki superviżorji, jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u standards għoljin ta' governanza u ġestjoni tar-riskju fil-forom kollha ta' provvista ta' rtirar, filwaqt li tiġi rispettata d-diversità tas-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet u l-arranġamenti istituzzjonali eżistenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-għażla li japplikaw dik id-Direttiva għal istituzzjonijiet li b'xi mod ieħor huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha u li mhumiex koperti minn xi qafas prudenzjali ieħor tal-Unjoni. Dan huwa partikolarment rilevanti meta l-livell ta' benefiċċji offruti lill-membri u lill-benefiċjarji jiddependi fuq il-prestazzjoni tal-istituzzjoni fil-ġestjoni tal-assi, u ma jkunx iggarantit minn awtorità pubblika. L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol dwar l-użu tagħhom ta' din l-għażla.

(14) F'xi Stati Membri, l-IORPs jistgħu jitħallew jipprovdu wkoll prodotti tal-pensjoni personali, inkluż il-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew, kif rifless fir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]. Sabiex tiġi żgurata organizzazzjoni ċara u soda ta' tali attivitajiet, u superviżjoni koerenti u effettiva fost il-forom differenti ta' provvista ta' rtirar, huwa għalhekk xieraq li dan jiġi rifless fid-Direttiva (UE) 2016/2341.

(15) L-organizzazzjoni tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali tista' tibbenefika minn flessibbiltà akbar fil-mod kif l-IORPs jistrutturaw u jiġġestixxu l-iskemi tal-pensjoni u l-arranġamenti ta' sponsorizzazzjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-IORPs jitħallew joperaw skemi tal-pensjoni differenti, inklużi dawk li jkollhom politika ta' investiment distinta, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi sponsor, inkluż fl-istess skema tal-pensjoni. Dik il-flessibbiltà tista' tiffaċilita li jintlaħaq aktar skalar, u b'hekk ittejjeb il-kosteffiċjenza, id-diversifikazzjoni tar-riskju u l-kapaċità ta' governanza, għall-benefiċċju tal-membri u tal-benefiċjarji.

(16) Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tiddistingwi bejn l-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-IORPs iżda ma tiddefinixxi l-ebda wieħed mill-kunċetti, filwaqt li tobbliga lill-Istati

---

[9] Ir-Regolament (UE) 2018/231 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Jannar 2018 dwar rekwiżiti ta' rappurtar statistiku għal fondi tal-pensjoni (BĊE/2018/2) (ĠU L 45, 17.2.2018, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/231/oj).

[10] Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1238/oj).

Membri jżommu reġistru nazzjonali tal-IORPs. Dan irriżulta fi prattiki superviżorji diverġenti, inklużi każijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti ma jwettqux valutazzjoni prudenzjali *ex ante*, jew, f'ċerti każijiet, fejn ma titwettaq l-ebda valutazzjoni prudenzjali. In-nuqqas ta' valutazzjoni prudenzjali bħala parti mill-proċess ta' reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni jista' jimmina l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-membri u l-benefiċjarji. Sabiex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju u jiġu ssalvagwardjati l-interessi ta' dawk li jfaddlu għall-pensjoni, l-IORPs kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal proċedura ta' awtorizzazzjoni li tinkludi valutazzjoni prudenzjali xierqa mill-awtorità kompetenti. F'konformità mal-parir tekniku tal-EIOPA dwar ir-rieżami tad-Direttiva IORP II u mal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Prinċipji Ewlenin għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjonijiet Privati, il-proċess ta' awtorizzazzjoni jenħtieġ li jirrikjedi wkoll li l-IORPs jistabbilixxu u jżommu pjan ta' direzzjoni tan-negozju għall-attivitajiet ippjanati kollha.

(17) Biex jitjiebu l-provvista effettiva u adattabbli ta' rtirar okkupazzjonali, kif ukoll l-ekonomiji ta' skala, jenħtieġ li l-IORPs jitħallew joperaw diversi skemi ta' pensjoni, inklużi dawk b'approċċi distinti ta' investiment, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi fl-istess skema, filwaqt li jiżguraw ġestjoni xierqa u l-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji.

(18) L-esperjenza bil-funzjonament tad-Direttiva (UE) 2016/2341 wriet li l-proċeduri li jirregolaw l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-IORPs, b'mod partikolari fil-kuntest tal-attivitajiet transfruntiera, jistgħu jwasslu għal dewmien u inkonsistenzi madwar l-Istati Membri, li jistgħu jiskoraġġixxu lill-IORPs milli jinvolvu ruħhom f'attivitajiet transfruntiera jew milli jespanduhom. Sabiex jittejbu l-funzjonament u s-superviżjoni tal-attivitajiet transfruntiera tal-IORPs, il-passi proċedurali għall-awtorizzazzjoni u l-attivitajiet transfruntiera jenħtieġ li għalhekk jiġu elaborati u ssimplifikati. L-iskedi ta' żmien jenħtieġ li jsiru aktar ċari u l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u dawk ospitanti jenħtieġ li jsiru aktar rapidi, b'mod li tkun possibbli koordinazzjoni aktar mill-qrib inkluż, fejn xieraq, permezz tal-involviment tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ("EIOPA").

(19) Huwa ta' piż bla bżonn li jiġu imposti fuq IORP, li tkun qed twettaq attivitajiet transfruntiera fi Stat Membru ospitanti, proċeduri transfruntiera inizjali sħaħ meta tali IORP tkun tixtieq testendi dawk l-attivitajiet għal impriżi jew skemi sponsor addizzjonali fl-istess Stat Membru ospitanti. Approċċ bħal dan jista' jwassal għal duplikazzjoni tal-proċeduri, żieda fin-nefqa amministrattiva u dewmien, mingħajr ma tittejjeb il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Sabiex tiġi ffaċilitata superviżjoni proporzjonata u effiċjenti u tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti, jenħtieġ li tali estensjonijiet ikunu soġġetti għal proċedura ta' notifika simplifikata li trid titlesta fi żmien xahar. Dik l-iskeda ta' żmien tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza meħtieġa mingħajr ma joħolqu dewmien jew piż bla bżonn għall-IORPs.

(20) Ir-regoli li jirregolaw it-trasferimenti kollettivi tal-obbligazzjonijiet kollha ta' skema tal-pensjoni jew ta' parti minnhom, il-provvedimenti tekniċi, u obbligi u drittijiet oħra għandhom rwol ewlieni fil-konsolidazzjoni u fl-iskalar tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali. Meta tali regoli jkunu stretti żżejjed, dawn joħolqu ostakli bla bżonn għall-iskalar u għall-konsolidazzjoni, li jista' jkun ta' detriment għall-interessi fit-tul tal-faddala. Fl-istess ħin, huwa importanti li l-membri u l-benefiċjarji, jew ir-

rappreżentanti tagħhom, ikunu jistgħu jesprimu effettivament il-fehmiet tagħhom dwar it-trasferimenti transfruntiera proposti. Għall-faċilitazzjoni ta' tali trasferimenti, huwa għalhekk xieraq li r-regoli applikabbli fl-Unjoni jiġu ċċarati u ssimplifikati, filwaqt li jiġi żgurat li l-proċeduri jibqgħu trasparenti, proporzjonati u konsistenti mal-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji, filwaqt li jippermettu effiċjenza u integrazzjoni akbar fis-suq intern. Dan jenħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet għal notifika f'waqtha, approvazzjoni mill-impriża sponsor fejn applikabbli, u l-possibbiltà li l-membri u l-benefiċjarji jesprimu l-oġġezzjoni tagħhom b'mod formali.

(21) Għal trasferimenti kollettivi domestiċi minn IORP għal oħra, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri sempliċi, trasparenti u operazzjonalment effiċjenti li jippermettu l-konsolidazzjoni u r-ristrutturar tal-iskemi tal-pensjoni fit-territorji tagħhom. Tali proċeduri jenħtieġ li jiffaċilitaw il-ksib ta' skala u ta' kosteffiċjenza u jenħtieġ li ma jkunux aktar restrittivi mill-proċeduri applikabbli għat-trasferimenti transfruntiera.

(22) L-Istati Membri jistgħu jippermettu sottofinanzjament temporanju ta' skemi ta' pensjoni okkupazzjonali. Uħud mill-Istati Membri implimentaw dik l-għażla b'modi differenti, filwaqt li oħrajn għażlu li ma jużawhiex, u dan irriżulta f'inkonsistenzi li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Filwaqt li l-prevenzjoni tas-sottofinanzjament hija importanti, projbizzjoni assoluta tista', f'xi każijiet, tisforza tnaqqis f'daqqa fil-wegħdiet tal-pensjoni, li jista' jkun ta' detriment għall-membri u l-benefiċjarji. Sabiex jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat u proporzjonat u protezzjoni adegwata tal-membri u tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu sottofinanzjament temporanju għal perjodu limitat, iddeterminat bil-liġi nazzjonali, li fi kwalunkwe każ jenħtieġ li ma jaqbiżx l-10 snin.

(23) Ċerti parametri tekniċi fid-Direttiva (UE) 2016/2341 jirriżultaw mid-Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE[11], l-ewwel Direttiva dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja, u baqgħu l-istess mill-introduzzjoni tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu aġġustati permezz ta' atti delegati, jekk dan jitqies meħtieġ biex jiġi żgurat li jibqgħu xierqa fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq u tal-prattiki superviżorji.

(24) Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tobbliga lill-IORPs ikollhom marġni ta' solvenza disponibbli adegwat. Dak il-marġni ta' solvenza ma jirriflettix kompletament l-iskoperturi għar-riskji tas-suq u tal-lonġevità, inkluż fejn l-IORP tissottoskrivi riskju bijometriku jew tiggarantixxi prestazzjoni tal-investiment jew livell ta' benefiċċji partikolari. Xi Stati Membri jirrikjedu li l-IORPs iżommu fondi proprji regolatorji bbażati fuq ir-riskju ogħla mill-marġni ta' solvenza meħtieġ. Fl-Istati Membri fejn tali rekwiżiti bbażati fuq ir-riskju ma jeżistux, jenħtieġ li tiġi żgurata protezzjoni komparabbli għal min ifaddal u għall-benefiċjarji. B'mod partikolari, l-IORPs li jkopru r-riskju bijometriku jew li joffru garanziji u li mhumiex soġġetti għal rekwiżiti ta' kapital ibbażat fuq ir-riskju, jenħtieġ li jwettqu testijiet tal-istress regolari biex jivvalutaw il-kapaċità tagħhom li jibqgħu ffinanzjati fuq perjodu ta' żmien twil, inkluż f'xenarji negattivi tas-suq u demografiċi, u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jirrikjedu azzjonijiet ta' rimedju meta jiġi identifikat sottofinanzjament.

---

[11] L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE tal-5 ta' Marzu 1979 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' assikurazzjoni diretta fuq il-ħajja (ĠU L 63, 13.3.1979, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1979/267/oj).

(25) L-assi privati, inklużi l-ekwità privata, id-dejn privat u l-kapital ta' riskju, jistgħu jtejbu r-relazzjoni bejn ir-riskju u r-redditu tal-portafolli ta' investiment billi jtejbu d-diversifikazzjoni u potenzjalment iwasslu għal redditi ogħla fit-tul. Madankollu, assi bħal dawn spiss ikunu aktar kumplessi biex jingħataw valur u jiġu vvalutati f'termini ta' riskju, u b'hekk jeħtieġu kwalifiki professjonali sostanzjali. Skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/2341, l-IORPs jenħtieġ li jinvestu fl-aħjar interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji u f'konformità mar-regola tal-"persuna prudenti". Dik ir-regola, madankollu, mhijiex spjegata biżżejjed, u diversi Stati Membri introduċew, f'konformità ma' dak l-Artikolu, limiti ta' investiment dettaljati u xi drabi restrittivi. Tali restrizzjonijiet ġenerali jistgħu jipprevjenu lil istituzzjonijiet regolati sew, b'kapaċità adegwata ta' ġestjoni tar-riskju, milli jinvestu b'mod effiċjenti f'assi alternattivi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-qafas ta' investiment ewlieni jkun prinċipju ta' persuna prudenti bbażat fuq ir-riskju, li jippermetti lill-istituzzjonijiet jinvestu fi kwalunkwe tip ta' assi, dment li jkunu jistgħu jidentifikaw, ikejlu, jimmonitorjaw, jimmaniġġjaw u jirrapportaw kif xieraq ir-riskji assoċjati. Għaldaqstant, bħala salvagwardja għall-membri u l-benefiċjarji, il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw restrizzjonijiet fuq l-investiment jenħtieġ li tkun limitata għal każijiet fejn ir-riskju tal-investiment jiġġarrab mill-membri u l-benefiċjarji, u dawk ir-restrizzjonijiet jenħtieġ li ma jirriżultawx fi projbizzjoni ġenerali fuq l-investiment f'ċerti klassijiet tal-assi. Il-komunikazzjoni chapeau tad-19 ta' Novembru 2025[12] tipprovdi aktar gwida mhux vinkolanti dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-persuna prudenti, inkluż dwar kif jenħtieġ li jappoġġa l-allokazzjoni effiċjenti tat-tfaddil fit-tul.

(26) L-esperjenza turi li r-rekwiżiti ta' governanza stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/2341 mhux dejjem jiżguraw standards konsistenti ta' ġestjoni tajba u sorveljanza effettiva fl-IORPs kollha. B'mod partikolari, id-differenzi fil-funzjonijiet ta' kontroll intern, fit-trattament tal-kunflitti ta' interess, u fil-kompożizzjoni u fl-effettività tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji jistgħu jdgħajfu l-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji u l-integrità tal-ġestjoni tal-iskemi tal-pensjonijiet. Sabiex jissaħħu r-reżiljenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-IORPs, is-sistema ta' governanza għalhekk jenħtieġ li tiġi speċifikata aktar, u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu mgħammra bis-setgħat meħtieġa biex jivvalutaw u, fejn xieraq, isaħħu s-sistemi ta' governanza tal-IORPs.

(27) Il-ġestjoni effettiva u prudenti ta' IORP tiddependi fuq il-kompetenza u l-idoneità tal-persuni li effettivament imexxu l-IORP, tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tagħha, u t-titolari ta' funzjonijiet ewlenin, inklużi dawk li lilhom ikunu ġew esternalizzati l-funzjonijiet. Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tirreferi għall-kunċett ta' kompetenza kollettiva għal dawk li effettivament imexxu l-IORP. Hija meħtieġa kjarifika ulterjuri biex jiġi żgurat li dan il-kunċett jiġi applikat b'mod konsistenti mad-diversità tal-istrutturi ta' governanza fl-Istati Membri. B'mod partikolari, il-kompetenza kollettiva jenħtieġ li tapplika meta l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju jopera bħala korp kolleġġjali li l-membri tiegħu jwettqu b'mod konġunt funzjonijiet strateġiċi jew ta' sorveljanza. Meta l-funzjonijiet ikunu distinti jew eżerċitati individwalment, il-valutazzjoni tal-kompetenza jenħtieġ li tkun relatata mar-

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Tisħiħ tal-kapaċità tas-settur tal-pensjonijiet supplimentari tal-UE biex jitjieb l-introjtu wara l-irtirar u għall-forniment fuq terminu twil ta' kapital għall-ekonomija tal-UE. [PO = jekk jogħġbok inkludi n-numru tad-dokument u l-link tal-internet].

rwol, mar-responsabbiltajiet u mas-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet speċifiċi ta' kull persuna. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet attwali ma jipprevedux b'mod espliċitu monitoraġġ kontinwu jew notifika f'waqtha tal-bidliet, li jista' jirriżulta wkoll f'lakuni fil-governanza, sorveljanza insuffiċjenti tar-riskji, jew kunflitti ta' interess mhux indirizzati. Sabiex jiġu żgurati protezzjoni adegwata tal-membri u tal-benefiċjarji u superviżjoni effettiva mill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għall-kompetenza u l-idoneità, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw ir-responsabbiltà li jivvalutaw l-adegwatezza fuq bażi kontinwa, u jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jordnaw it-tneħħija ta' individwi li ma għadhomx jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti.

(28) Il-ġestjoni effettiva tar-riskju hija essenzjali biex jiġi żgurat l-operat tajjeb u prudenti tal-IORPs u biex il-membri u l-benefiċjarji jiġu protetti. L-għażliet operazzjonali u strutturali tal-IORPs, inkluża l-parteċipazzjoni fi strutturi ta' investiment miġbur, servizzi kondiviżi, jew trasferimenti, jistgħu jaffettwaw il-profil tar-riskju ġenerali tagħhom. Sabiex jiġi żgurat immaniġġjar sod u prudenti, jenħtieġ li l-IORPs jivvalutaw ir-riskji li huma esposti għalihom jew li jistgħu jkunu esposti għalihom skont il-limiti ta' tolleranza tar-riskju approvati mill-korp maniġerjali jew superviżorju tagħhom, filwaqt li jqisu l-kapaċità u l-aptit għar-riskju tal-membri u tal-benefiċjarji. L-ekonomiji ta' skala u l-għażliet ta' effiċjenza jistgħu jnaqqsu r-riskji operazzjonali u ta' investiment għall-membri u l-benefiċjarji u għalhekk jenħtieġ li jiġu kkunsidrati fl-awtovalutazzjoni tar-riskji.

(29) F'konformità mal-Prinċipji Ewlenin tal-OECD għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjoni Privata u l-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tagħhom, huwa xieraq li jkomplu jissaħħu r-rekwiżiti tad-dikjarazzjoni tal-prinċipji tal-politika ta' investiment billi jiġi żgurat li tistabbilixxi objettivi ċari ta' investiment konsistenti mal-għan tal-introjtu tal-irtirar, mal-obbligazzjonijiet u mat-tolleranza tar-riskju ta' kull skema, tiddefinixxi l-objettivi tal-prestazzjoni u l-metodi ta' monitoraġġ, u tindirizza l-użu ta' klassijiet tal-assi kumplessi jew alternattivi u r-riskju tal-kontroparti relatat. Meta l-membri jistgħu jagħżlu l-investimenti, id-dikjarazzjoni jenħtieġ li tipprevedi wkoll firxa xierqa ta' għażliet, inkluża waħda prestabbilita.

(30) Il-ġbir flimkien tal-assi jista' jwassal għal ekonomiji ta' skala, itejjeb il-prestazzjoni tal-investiment u jnaqqas il-kostijiet għall-membri u għall-benefiċjarji. Madankollu, l-Artikolu 31 tad-Direttiva (UE) 2016/2341 iħalli l-Istati Membri jipprojbixxu l-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet mill-IORPs, inkluża l-esternalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-investiment. L-użu ta' dik l-għażla rriżulta f'ostakli regolatorji għall-ksib ta' effiċjenza u ekonomiji ta' skala. Approċċ aktar ibbażat fuq ir-riskju jiżgura li l-esternalizzazzjoni tkun ġeneralment permessa jew meħtieġa, dment li ma tfixkilx il-kwalità tal-governanza, ma żżidx bla bżonn ir-riskju operazzjonali, ma ddgħajjifx is-servizz kontinwu u sodisfaċenti lill-membri u lill-benefiċjarji, u ma xxekkilx is-sorveljanza superviżorja effettiva. Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-Istati Membri mistennijin jippermettu, jew fejn xieraq jitolbu, l-esternalizzazzjoni minn tali istituzzjonijiet, mingħajr preġudizzju għall-oġġezzjoni ta' arranġamenti speċifiċi ta' esternalizzazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ għal raġunijiet prudenzjali debitament ġustifikati.

(31) Id-depożitarji jipprovdu rimedju konvenjenti għas-salvagwardja tal-assi u għas-sorveljanza tal-ġestjoni tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali, b'mod partikolari fi skemi b'kontribuzzjonijiet definiti fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment. Skont id-Direttiva (UE) 2016/2341, l-Istati Membri għandhom id-

diskrezzjoni li jitolbu, bħala regola ġenerali, depożitarju jew li jippermettu lill-IORPs iwettqu dawn il-funzjonijiet huma stess. Dik id-diskrezzjoni wasslet għal inkonsistenzi u sfidi superviżorji fil-każ ta' attivitajiet transfruntieri. Id-differenzi fir-regoli nazzjonali dwar it-tipi ta' entitajiet li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji, u l-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħhom, jistgħu jimminaw is-sorveljanza prudenzjali effettiva, inaqqsu t-trasparenza, u jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess jew fallimenti operazzjonali. F'dawn l-aħħar snin, ir-regoli dwar id-depożitarji stabbiliti fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] ġew aġġornati u msaħħa biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri. Il-membri u l-benefiċjarji tal-IORPs, li b'mod simili jafdaw it-tfaddil għall-irtirar tagħhom lill-maniġers professjonali, jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni mhux inqas mill-investituri koperti mid-Direttiva 2009/65/KE. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata protezzjoni konsistenti tal-membri u tal-benefiċjarji, tissaħħaħ il-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet, u jitwettqu faċilment l-attivitajiet transfruntiera, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2016/2341 tirrikjedi l-ħatra ta' depożitarju professjonali għall-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru bis-sħiħ ir-riskju tal-investiment. Jenħtieġ li l-emendi jistabbilixxu regoli ċari għal tali depożitarju dwar il-kustodja tal-assi u d-dmirijiet ta' sorveljanza għad-depożitarji, filwaqt li jippermettu flessibbiltà akbar għal skemi oħra u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jirrestringu bla bżonn l-għażla tad-depożitarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Madankollu, sabiex jiġi evitat piż bla bżonn fuq l-IORPs, l-Istati Membri jistgħu jżommu l-miżuri ta' salvagwardja eżistenti li jipprovdu livell ta' protezzjoni komparabbli mad-depożitarji.

(32) Informazzjoni frammentata u mhux kompluta dwar l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati u projettati tagħmilha diffiċli għall-membri u l-benefiċjarji biex jiksbu ħarsa ġenerali ċara tal-introjtu tal-irtirar futur tagħhom, b'mod partikolari meta jipparteċipaw f'diversi skemi ta' pensjoni supplimentari. Dak in-nuqqas ta' trasparenza jista' jimmina l-ippjanar tal-irtirar u l-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li dawk li jfaddlu jirċievu informazzjoni komprensiva, affidabbli u aġġornata, jenħtieġ li l-Istati Membri jobbligaw lill-IORPs jipprovdu data lis-sistemi nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet, fejn jeżistu tali sistemi, f'format standardizzat u interoperabbli. Tali sistemi jenħtieġ li jippermettu lill-membri u lill-benefiċjarji jaċċessaw, b'mod koerenti u komparabbli, informazzjoni dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-IORPs jibqgħu responsabbli għall-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data trażmessa. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-IORPs, il-format u l-istruttura tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża fir-rapporti tal-benefiċċji tal-pensjoni.

(33) Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni (PBS, Pension Benefit Statement) huwa strument essenzjali li jippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jifhmu l-intitolamenti tal-pensjoni tagħhom matul iż-żmien u fi skemi differenti. Jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni ċara, komprensiva u rilevanti li tippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jivvalutaw is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u jieħdu kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jiżguraw pensjoni adegwata. Bħalissa, in-nuqqas ta' approċċ uniformi fil-livell

---

[13] Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/65/oj)

tal-Istati Membri, flimkien mal-fatt li l-biċċa l-kbira tal-membri jakkumulaw pensjonijiet ma' IORPs multipli matul il-karrieri tagħhom, jirriżulta f'PBSs li jvarjaw fil-format u l-preżentazzjoni, u b'hekk tkun limitata l-komparabbiltà u l-aggregazzjoni. Ir-regoli attwali lanqas ma jirrikjedu l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar il-kostijiet, il-prestazzjoni tal-investimenti jew dwar l-għażliet ta' investiment disponibbli u r-riskji korrispondenti tagħhom. Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod infurmat, huwa meħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti għat-tfassil tal-PBS u dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar il-kostijiet, ir-redditi tal-investiment u l-opzjonijiet ta' investiment. Għall-istess raġuni, huwa meħtieġ li jiġu żgurati standardizzazzjoni akbar u, fejn possibbli, allinjament mad-Dikjarazzjoni tal-Benefiċċju tal-PEPP imsemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2019/1238, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-benefiċċju definit jew tal-kontribuzzjoni definita tal-iskemi tal-pensjoni, u l-ispeċifiċitajiet tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali.

(34) Prestazzjoni tal-IORPs persistentement agħar minn dik mistennija tista' tnaqqas il-valur tad-drittijiet akkumulati tal-membri u tal-benefiċjarji u timmina l-fiduċja fil-pensjonijiet supplimentari. F'konformità mal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Prinċipji Ewlenin għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjonijiet Privati, il-prestazzjoni jenħtieġ li tiġi ddivulgata b'mod komparabbli u vvalutata skont parametri referenzjarji ċari u oġġettivi li jirriflettu l-politika ta' investiment. Bħalissa ma jeżisti l-ebda qafas armonizzat biex il-membri u l-benefiċjarji jiġu informati dwar prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Biex jindirizzaw dan, l-IORPs jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinfurmaw minnufih lill-awtorità kompetenti tagħhom u jipprovdu evidenza li l-kostijiet u l-imposti tal-iskema jkunu ġustifikati u proporzjonati, u li l-iskema hija konformi mat-tolleranza tar-riskju tal-membri u tal-benefiċjarji tagħha. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta b'tali ġustifikazzjoni jew il-prestazzjoni insuffiċjenti tippersisti għal mill-inqas 3 snin, l-IORPs jenħtieġ li jikkomunikaw b'mod ċar lill-membri u lill-benefiċjarji dwar tali prestazzjoni insuffiċjenti, jispjegaw il-kawżi tagħha, u jiddeskrivu l-miżuri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji oġġettivi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni agħar minn dik mistennija.

(35) Biż-żieda fl-istennija tal-għomor, il-membri u l-benefiċjarji jistgħu jiffaċċjaw ħtieġa akbar li jimmaniġġjaw ir-riskju ta' longevità, u t-tfaddil għall-irtirar jeħtieġ li jiġi ġestit b'mod effettiv biex jipprovdi introjtu adegwat matul il-fażi tal-ħlas. Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tirrikjedi li l-IORPs jipprovdu informazzjoni ġenerali matul il-fażijiet ta' qabel l-irtirar u tal-ħlas iżda ma tispeċifikax it-tip ta' informazzjoni meħtieġa biex il-membri u l-benefiċjarji jagħmlu għażliet infurmati matul id-dekumulazzjoni. Sabiex jitjiebu t-trasparenza, il-komparabbiltà, u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati, l-IORPs jenħtieġ li għalhekk ikunu soġġetti għal rekwiżiti minimi ta' divulgazzjoni għall-fażi ta' dekumulazzjoni. Tali divulgazzjonijiet jenħtieġ li jkunu ċari, aċċessibbli u proporzjonati, u jqisu l-partikolaritajiet nazzjonali, u jenħtieġ li jkopru l-għażliet ta' ħlas, il-kostijiet u l-imposti assoċjati, it-taxxi, ir-riskji u l-projezzjonijiet applikabbli, inkluż għal annwalitajiet varjabbli.

(36) Il-bidla minn skemi tal-pensjoni b'benefiċċji definiti għal skemi tal-pensjoni b'kontribuzzjonijiet definiti tpoġġi riskju finanzjarju akbar fuq il-membri u l-benefiċjarji, peress li l-benefiċċji varjabbli jissostitwixxu l-benefiċċji ggarantiti qabel. Il-membri u l-benefiċjarji spiss jiffaċċjaw għażliet kumplessi rigward il-benefiċċji jew l-investimenti, u l-kapaċità tagħhom li jieħdu deċiżjonijiet xierqa tista' tiġi mxekkla

minn asimmetriji tal-informazzjoni, għarfien jew fehim limitat, preġudizzji fl-imġiba, jew ambjenti ta' għażla kumplessi u inadegwati. Il-kombinazzjoni ta' għażliet multipli tkompli żżid id-diffikultà għall-membri u għall-benefiċjarji biex jikkunsidraw l-effetti potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom. L-IORPs huma kruċjali biex jissalvagwardjaw l-interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji permezz ta' ġestjoni prudenti tal-assi u governanza tajba. Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fis-sistema u jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet ta' investiment jibqgħu allinjati mal-aħjar interessi tal-membri, jenħtieġ li d-dmirijiet fiduċjarji relatati mal-ġestjoni tar-riskju u mal-politika ta' investiment jissaħħu. Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni u jiġi żgurat li l-iskemi tal-pensjoni jagħtu riżultati li l-membri u l-benefiċjarji jistgħu jippretendu b'mod raġonevoli, l-IORPs jenħtieġ li jkunu soġġetti għal dmir ġenerali ta' diliġenza. Tali dmir jenħtieġ li jobbliga lill-istituzzjonijiet jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali fl-aħjar interessi tal-membri u l-benefiċjarji, jaħdmu għal redditi adegwati, aġġustati għar-riskju u kosteffiċjenti fit-tul, u jipprovdu gwida u salvagwardji biex jappoġġaw teħid ta' deċiżjonijiet infurmat u xieraq, filwaqt li jqisu n-natura tal-iskema tal-pensjonijiet, ir-riskji mġarrba mill-membri u l-benefiċjarji, ir-responsabbiltajiet tal-istituzzjoni u, fejn rilevanti, ir-rwol tas-sħab soċjali u tal-isponsors.

(37) Il-pensjonijiet okkupazzjonali huma arranġamenti fit-tul li l-ħaddiema jiddependu fuqhom biex jiżguraw introjtu adegwat waqt l-irtirar. Il-membri fi skemi b'kontribuzzjonijiet definiti jiffaċċjaw riskji speċifiċi, inkluż riskju ta' introjtu tal-irtirar, riskju ta' investiment, kostijiet u imposti, riskji amministrattivi u ta' governanza, u lakuni fl-għarfien. Sabiex ifasslu strateġiji ta' investiment xierqa u joffru għażliet ta' investiment xierqa allinjati mal-kapaċità tal-membri li jġarrbu t-telf u l-preferenzi tar-riskju/redditu tagħhom, l-IORPs għandhom rwol ċentrali fil-valutazzjoni ta' dawn ir-riskji mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji. Sabiex jappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat u jissalvagwardjaw l-interessi tal-membri, l-IORPs jenħtieġ li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju fit-tul, jipprovdu għażliet ta' investiment rilevanti, u jipprovdu informazzjoni ewlenija, inklużi l-kostijiet u l-imposti u l-projezzjonijiet kollha, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali.

(38) Sabiex jiġi żgurat li l-membri u l-benefiċjarji jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv u jkollhom aċċess għal rimedju ġust u f'waqtu, jenħtieġ li l-IORPs jistabbilixxu proċeduri effettivi għat-trattament tal-ilmenti u jipprovdu informazzjoni dwar il-mekkaniżmi disponibbli għas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom korpi adegwati, indipendenti u imparzjali ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, inkluż għal każijiet transfruntiera, u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirċievu u jwieġbu għal ilmenti li jallegaw ksur tad-Direttiva (UE) 2016/2341.

(39) Id-differenzi fis-setgħat, fl-għodod u fil-prattiki disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fost l-Istati Membri jistgħu jfixklu s-superviżjoni effettiva tal-IORPs u l-prevenzjoni jew il-korrezzjoni f'waqthom tal-ksur. Mingħajr is-setgħat li jiksbu l-informazzjoni meħtieġa, li jirrikjedu konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, li jirrieżaminaw u jevalwaw l-istrateġiji, il-proċessi u l-proċeduri ta' rapportar tal-IORPs, jew li jimponu sanzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti jaf ma jkunux jistgħu jiżguraw li l-IORPs iżommu biżżejjed riżorsi finanzjarji, jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' governanza u ta' ġestjoni tar-riskju, jew ikunu jifilħu għal eventi avversi jew bidliet fis-sitwazzjoni ekonomika. Sabiex jindirizzaw dawk ir-riskji, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat kollha meħtieġa biex jiksbu informazzjoni, iwettqu rieżamijiet u valutazzjonijiet

sistematiċi u bbażati fuq ir-riskju, jimmonitorjaw kundizzjonijiet finanzjarji li jkunu qed jiddeterjoraw, jinvolvu ruħhom fi djalogu superviżorju regolari, jieħdu miżuri preventivi u korrettivi fil-ħin, u jimponu sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(40) L-IORPs ivarjaw b'mod sinifikanti fir-rigward ta' skala, effiċjenza fl-operat, u struttura organizzazzjonali. IORPs iżgħar jew frammentati jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiksbu ekonomiji ta' skala, biex jilħqu akkomunament effettiv tal-assi, jew jottimizzaw l-effiċjenza operazzjonali u tal-investiment. L-identifikazzjoni bikrija tal-isfidi strutturali u l-vulnerabbiltajiet hija għalhekk essenzjali biex jiġi żgurat li fit-tul l-IORPs ikunu jistgħu jagħtu valur lill-membri u lill-benefiċjarji. L-awtoritajiet kompetenti għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' riflessjoni strateġika mill-IORPs dwar is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom, inkluż dwar aspetti bħall-iskala, il-konfigurazzjoni organizzazzjonali, u l-potenzjal ta' konsolidazzjoni jew kooperazzjoni bħala mod biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jwettqu djalogi superviżorji strutturati regolari mal-IORPs, li matulhom l-IORPs jistgħu jidentifikaw dgħufijiet potenzjali u jikkunsidraw għażliet strateġiċi, inklużi miżuri biex itejbu l-effiċjenza, l-iskala u l-kondiviżjoni tar-riżorsi, filwaqt li jżommu r-responsabbiltà primarja biex jiżguraw li l-membri u l-benefiċjarji jirċievu benefiċċji tal-irtirar adegwati.

(41) Mingħajr informazzjoni f'waqtha, kompluta u komparabbli, l-awtoritajiet kompetenti jaf ma jkunux jistgħu jivvalutaw il-konformità, jimmonitorjaw ir-riskji, jew jieħdu miżuri preventivi u korrettivi b'mod effettiv. Sabiex jindirizzaw dik il-kwistjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat li jobbligaw l-IORPs jissottomettu l-informazzjoni kollha meħtieġa għas-superviżjoni, iwettqu spezzjonijiet fuq il-post, u jiksbu rapportar dettaljat dwar il-kostijiet, l-imposti u r-redditi fuq l-investiment.

(42) L-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet ewlenin jew attivitajiet oħra mill-IORPs tista' tiġġenera ekonomiji ta' skala u ġġib valur jew tnaqqas il-kostijiet għall-membri u l-benefiċjarji. Madankollu, dan jista' joħloq ukoll riskji addizzjonali u jfixkel is-superviżjoni effettiva. Mingħajr aċċess għall-informazzjoni rilevanti u għas-siti tan-negozju, u mingħajr kooperazzjoni mill-fornituri tas-servizzi, l-awtoritajiet kompetenti jaf ma jkunux jistgħu jimmonitorjaw l-attivitajiet esternalizzati jew jiżguraw il-konformità. Sabiex jindirizzaw dawk ir-riskji, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-IORPs jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jaċċessaw id-data u s-siti tal-fornituri tas-servizzi u jwettqu verifiki fuq il-post, direttament jew permezz ta' awtoritajiet delegati. L-IORPs jenħtieġ li jikkooperaw bis-sħiħ ukoll matul is-superviżjoni. Sabiex tiġi żgurata superviżjoni transfruntiera effettiva tal-funzjonijiet esternalizzati, jenħtieġ li l-EIOPA tkun tista' tassisti lill-awtoritajiet kompetenti waqt verifiki konġunti fuq il-post.

(43) Informazzjoni trasparenti, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi, u l-profili tar-riskju tal-iskemi tal-pensjonijiet operati mill-IORPs hija essenzjali għall-membri u l-benefiċjarji biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-tfaddil għall-irtirar tagħhom. Tali divulgazzjoni tista' żżid l-effiċjenza, il-kosteffettività, u l-potenzjal li jinkisbu ekonomiji ta' skala, li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għall-membri u l-benefiċjarji. Sabiex jiġu żgurati l-komparabbiltà u l-aċċessibbiltà, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw dik l-informazzjoni fuq sit web pubbliku wieħed għall-iskemi tal-

pensjoni jew l-għażliet ta' investiment rilevanti kollha, li tkun tkopri mill-inqas l-10 snin preċedenti.

(44) Meta l-attivitajiet transfruntiera jkunu sinifikanti fir-rigward tas-suq tal-Istat Membru ospitanti u jirrikjedu kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u l-Istat Membru ospitanti, speċjalment meta IORP tista' tirriskja li tkun f'diffikultajiet finanzjarji għad-detriment tal-membri u tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-EIOPA tkun tista' tistabbilixxi u tikkoordina pjattaformi ta' kollaborazzjoni, b'mod simili għal dak skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14].

(45) Anke l-impriżi tal-assigurazzjoni u l-intermedjarji tal-assigurazzjoni jistgħu jiddistribwixxu prodotti tal-pensjoni okkupazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li l-membri u l-benefiċjarji prospettivi kollha jirċievu informazzjoni u protezzjoni ekwivalenti, jenħtieġ li tali impriżi u intermedjarji jkunu soġġetti għal regoli relatati ma' informazzjoni li jkunu konsistenti ma' dawk applikabbli għall-IORPs, inklużi obbligi relatati mat-trażmissjoni ta' informazzjoni lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet.

(46) Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/2341 u f'din id-Direttiva, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' ċerti parametri tekniċi fid-Direttiva (UE) 2016/2341 li jirriżultaw mid-Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE, li baqgħu ma nbidlux mill-introduzzjoni tagħhom, kif ukoll dwar ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Hi u tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(47) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rapportar tar-redditi fuq l-investiment, netti mill-kostijiet tal-investiment, u tal-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba b'rabta mal-attivitajiet tal-IORPs, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 180/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].

(48) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttivi (UE) 2016/97 u (UE) 2016/2341 jiġu emendati kif xieraq.

(49) L-emendi għad-Direttiva (UE) 2016/2341 dwar l-awtorizzazzjoni tal-IORPs jenħtieġ li jissostitwixxu r-reġim attwali ta' reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni sabiex jiġu żgurati standards superviżorji konsistenti fl-Unjoni kollha. Madankollu, ikun wisq inkonvenjenti jekk l-IORPs kollha jkollhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ġdida. L-IORPs diġà rreġistrati jew awtorizzati skont dik id-Direttiva jenħtieġ li jingħataw

---

[14] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj).

[15] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

awtorizzazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu r-rikonoxximent awtomatiku tal-IORPs li kienu diġà rreġistrati jew awtorizzati skont dik id-Direttiva.

(50) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għall-ipproċessar tad-data personali għall-fini ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-ipproċessar tad-data mwettaq fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva jirrispetta bis-sħiħ id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] fejn dik id-Direttiva tkun applikabbli.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi tad-Direttiva (UE) 2016/2341

Id-Direttiva (UE) 2016/2341 hija emendata kif ġej:

(1) il-kliem "reġistrata jew awtorizzata" huwa sostitwit b'"awtorizzata" fid-Direttiva kollha;

(2) il-kliem "id-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità" huma sostitwiti b'"in-natura, l-iskala u l-kumplessità" fid-Direttiva kollha;

(3) il-kliem "għad-daqs u għall-organizzazzjoni interna tagħhom, kif ukoll għad-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom" huma sostitwiti bil-kliem "għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom" fid-Direttiva kollha;

(4) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Meta, f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu kostitwiti f'forma li fiha l-entitajiet awtorizzati jkunu responsabbli biex joperawhom u jaġixxu f'isimhom, l-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva għal dawk l-IORPs jew, soġġett għall-paragrafu 2, għal tali entitajiet awtorizzati, jew għat-tnejn li huma, kif xieraq.";

(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Meta, skont il-paragrafu 1, l-entitajiet awtorizzati jkunu responsabbli għall-operat tal-IORPs u jaġixxu għan-nom tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assi tal-IORPs ikunu legalment separati minn dawk tal-entitajiet awtorizzati.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, meta l-entitajiet awtorizzati msemmija fil-paragrafu 2(b), joperaw IORPs u jaġixxu għan-nom tagħhom, l-Istati Membri ma għandhomx jirrestriġu lil tali entitajiet awtorizzati stabbiliti fi Stat Membru ieħor milli jwettqu dawk l-attivitajiet.";

(5) l-Artikoli 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

---

[16] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj).

Artikolu 3

Applikazzjoni għall-IORPs li joperaw sistemi tas-sigurtà soċjali

L-IORPs li joperaw ukoll skemi tal-pensjoni li huma kkunsidrati bħala skemi tas-sigurtà soċjali koperti bir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 għandhom ikunu koperti b'din id-Direttiva fir-rigward tan-negozju tal-provvista tal-irtirar tagħhom li mhuwiex kopert b'dawk ir-Regolamenti. F'dak il-każ, l-obbligazzjonijiet u l-assi korrispondenti għandhom ikunu 'ring-fenced', u ma għandux ikun possibbli li dawk l-obbligazzjonijiet u l-assi korrispondenti jiġu ttrasferiti għall-iskemi tal-pensjoni li jitqiesu li huma sistemi tas-sigurtà soċjali, jew viċi versa.

Artikolu 4

Applikazzjoni fakultattiva

L-Istati Membri jistgħu japplikaw uħud mid-dispożizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva għal istituzzjonijiet, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħhom, li joperaw fuq bażi ffinanzjata għall-fini li jipprovdu benefiċċji tal-irtirar:

(a) li huma eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva skont l-Artikolu 2(2)(a) u (d); jew

(b) li mhumiex koperti b'din id-Direttiva jew bid-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE u 2014/65/UE.

Fil-każ tal-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva biss sa fejn dik l-applikazzjoni tkun kompatibbli mar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009.

Jekk, f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-istituzzjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu jiġu operati minn entitajiet awtorizzati responsabbli li jaġixxu f'isimhom, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva jew għal dawk l-istituzzjonijiet jew għall-entitajiet awtorizzati responsabbli għall-operat tagħhom u li jaġixxu f'isimhom, jew għat-tnejn li huma, kif xieraq.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw l-Artikoli 11 u 11a skont dan l-Artikolu unikament jekk japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-EIOPA meta jużaw l-opzjonijiet imsemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafu, filwaqt li jindikaw it-tipi ta' istituzzjonijiet jew, fejn applikabbli, entitajiet awtorizzati koperti mill-użu ta' dawk l-opzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għalihom.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.";

(6) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"IORPs żgħar";

(b) jitħassar it-tieni paragrafu;

(7) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (1), il-kliem “u li twettaq attivitajiet li jirriżultaw direttament minnhom;” huwa sostitwit bi “u li twettaq attivitajiet li jirriżultaw direttament minnhom, u, fejn permess skont il-liġi nazzjonali, il-provvista ta’ rtirar personali;”;

(b) il-punt (3) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(3) ‘impriża sponsor’ tfisser kull impriża jew korp ieħor, irrispettivament minn jekk tinkludix jew tikkonsistix minn persuna waħda jew aktar fiżika jew ġuridika, li taġixxi bħala impjegatur, assoċjazzjoni jew korp professjonali, jew f’kapaċità ta’ persuna li taħdem għal rasha jew kwalunkwe kombinazzjoni ta’ dawn u li toffri skema ta’ pensjoni jew tħallas kontribuzzjonijiet lil IORP;”;

(c) il-punt (5) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(5) ‘Membru’ tfisser persuna, għajr benefiċjarju jew membru prospettiv, li l-attivitajiet okkupazzjonali passati jew attwali tagħha jintitolawha jew se jintitolawha għal benefiċċji tal-irtirar f’konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ skema ta’ pensjoni, ħlief li għall-finijiet tat-Titoli I, II, III, V u VI, ‘membru’ tfisser ukoll faddal tal-pensjoni personali fejn il-provvista ta’ pensjoni personali mill-IORPs hija permessa skont il-liġi nazzjonali;”

(d) jiżdiedu l-punti (20), (21) u (22) li ġejjin:

“(20) ‘fornitur ta’ servizz’ tfisser impriża li lilha IORP tkun esternalizzat attivitajiet koperti minn din id-Direttiva;

(21) ‘prodott tal-pensjoni personali’ tfisser prodott tal-pensjoni personali kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

(22) ‘sistema ta’ traċċar tal-pensjonijiet’ tfisser għodda diġitali, tipikament portal web jew applikazzjoni għall-apparati mobbli siguri, li tipprovdi lill-individwi b’ħarsa ġenerali lejn l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati individwali tagħhom, u l-projezzjonijiet tal-benefiċċji futuri, fost l-iskemi tal-pensjoni li l-individwu jkun membru jew benefiċjarju tagħhom.

_____

* Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1238/oj).”;

(8) fl-Artikolu 7, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta, skont il-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu awtorizzati jipprovdu prodotti tal-pensjoni personali, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha li jikkorrispondu għan-negozju tal-provvista tal-pensjoni personali għandhom ikunu ‘ring-fenced’, mingħajr possibbiltà li dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet jiġu ttrasferiti għan-negozju l-ieħor tal-provvista tal-irtirar tal-istituzzjoni.”;

(9) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

“Artikolu 8a

Dritt ta’ stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi

1. L-IORPs għandhom jitħallew jipprovdu servizzi madwar l-Unjoni kollha f’konformità mal-Artikoli 11 u 11a.

2. L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu li l-IORPs jiġu stabbiliti fit-territorju tagħhom.”;

(10) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Awtorizzazzjoni”;

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Fir-rigward ta’ kull IORP li l-amministrazzjoni ewlenija tagħha tkun tinsab fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tkun awtorizzata mill-awtorità kompetenti u tkun inkluża f’reġistru nazzjonali.

Il-post fejn tkun tinsab l-amministrazzjoni ewlenija għandu jkun il-post fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet strateġiċi ewlenin ta’ IORP.

L-Istati Membri għandhom jobbligaw lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu valutazzjoni prudenzjali bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs. Il-valutazzjoni għandha tqis in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP inkwistjoni.

L-IORPs li jkunu qed ifittxu awtorizzazzjoni għandhom iħejju u jissottomettu lill-awtorità kompetenti pjan ta’ direzzjoni tan-negozju għall-attivitajiet kollha li għandhom ippjanati, bi spjegazzjoni dettaljata tar-riżorsi finanzjarji disponibbli biex ikopru l-kostijiet operatorji attwali u futuri. Il-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju għandu jkun fih projezzjonijiet ta’ mill-inqas 3 snin tal-introjtu u l-ispejjeż tal-IORP u diżaggregazzjoni tal-kostijiet operazzjonali tal-IORP, inkluż fejn rilevanti, il-kostijiet tad-distribuzzjoni u tal-akkwiżizzjoni u kwalunkwe element ieħor biex jassisti lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti operatorji.

L-aċċettazzjoni sussegwenti ta’ impriża sponsor waħda, jew aktar minn waħda, ma għandhiex tirrikjedi li l-IORP terġa’ tgħaddi minn proċedura ta’ awtorizzazzjoni ġdida.”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Kwalunkwe deċiżjoni biex tiġi rifjutata awtorizzazzjoni għandha tindika r-raġunijiet kollha u u għandha tiġi notifikata lill-IORP ikkonċernata.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 48(9), kull Stat Membru għandu jagħmel dispożizzjoni għal dritt ta’ appell lill-qrati fejn l-awtoritajiet kompetenti tiegħu ma jkunux ittrattaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni fi żmien 6 xhur mid-data tal-wasla tagħha.”;

(11) jiżdied dan l-Artikolu 9a li ġej:

“Artikolu 9a

IORPs b’diversi sponsors

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jitħallew joperaw skemi tal-pensjoni differenti, inklużi dawk li jkollhom politika ta’ investiment differenti, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi sponsor fl-istess skema tal-pensjoni.

L-ewwel paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni minn Stat Membru li teżiġi li l-iskemi b’diversi impriżi sponsor jiġu operati skont id-Direttiva 2009/138/KE.”;

(12) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) l-IORP ikollha biżżejjed riżorsi finanzjarji biex tkopri l-kostijiet operatorji attwali u futuri tagħha.";

(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-valutazzjoni prudenzjali li trid titwettaq bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti stipulati fit-Titoli II u III.";

(13) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jitħassar;

(b) il-paragrafi 3 u 4 jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"3. L-Istati Membri ta' domiċilju għandhom jiżguraw li l-IORPs jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jwettqu attività transfruntiera lill-awtorità kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jeżiġu lill-IORPs jipprovdu l-informazzjoni li ġejja meta jwettqu n-notifika:

(a) l-isem tal-Istat(i) Membru/Membri ospitanti, li għandu/għandhom, meta jkun applikabbli, jiġi/jiġu identifikat(i) mill-impriża/i sponsor;

(b) l-isem u l-post tal-amministrazzjoni ewlenija tal-impriża/i sponsor;

(c) il-karatteristiċi ewlenin tal-iskema/i ta' pensjoni li għandha tiġi operata/għandhom jiġu operati għall-impriża/i sponsor.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju li tkun innotifikata skont il-paragrafu 3 u li ma tkunx ħarġet deċiżjoni motivata li l-istruttura amministrattiva jew is-sitwazzjoni finanzjarja tal-IORP jew ir-reputazzjoni tajba jew il-kwalifiki professjonali jew l-esperjenza tal-persuni li jmexxu l-IORP mhumiex kompatibbli mal-attivitajiet transfruntiera proposti, tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti fi żmien xahrejn minn meta tirċievi dik l-informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tikkonferma r-riċeviment ta' dik l-informazzjoni mingħajr dewmien. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tinforma bil-miktub lill-IORP li l-informazzjoni tkun waslet għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju toħroġ id-deċiżjoni motivata msemmija fl-ewwel subparagrafu fi żmien xahar minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3.";

(c) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. L-IORPs li jwettqu attività transfruntiera għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fit-Titolu IV imposti mill-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-membri prospettivi, il-membri u l-benefiċjarji kkonċernati minn dik l-attività transfruntiera, bl-eċċezzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni msemmi fl-Artikolu 38, li għandu jkun soġġett għal regoli armonizzati tal-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dak l-Artikolu.

7. Qabel ma l-IORP tibda twettaq attività transfruntiera, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, fi żmien xahar wara li tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tħejji għas-superviżjoni tal-attivitajiet transfruntieri rilevanti. Dik il-preparazzjoni għandha tkun relatata mar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol li huma rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li fil-qafas tiegħu trid tiġi operata l-iskema ta' pensjoni sponsorjata minn impriża fl-Istat Membru ospitanti, u r-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti msemmija fit-Titolu IV li għandhom japplikaw għall-attività transfruntiera. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 59(3) u (4), id-dispożizzjonijiet legali msemmija fl-Artikolu 59(1) li huma applikabbli fit-territorju tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni immedjatament lill-IORP.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu 9a li ġej:

"9a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet kollha relatati mal-attivitajiet u l-proċeduri transfruntieri jkunu jistgħu jitlestew faċilment permezz ta' mezzi elettroniċi.";

(e) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li jkollha raġunijiet biex tqis li IORP li twettaq attivitajiet fit-territorju tagħha ma tkunx qed tikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti rilevanti għall-ambitu tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali għandha tinforma immedjatament lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha, f'koordinazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-IORP ittemm il-ksur mikxuf.";

(f) fil-paragrafu 11, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fit-territorji tagħhom huwa possibbli li jiġu nnotifikati lill-IORPs id-dokumenti ġuridiċi neċessarji għal dawn il-miżuri.

Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jew dak ospitanti tista' tirreferi l-kwistjoni lill-EIOPA u titlob l-assistenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010. F'dak il-każ, l-EIOPA tista' taġixxi f'konformità mas-setgħat mogħtijin lilha permezz ta' dak l-Artikolu.";

(g) il-paragrafi 12 u 13 li ġejjin huma miżjuda:

"12. Il-paragrafi 10 u 11 huma bla ħsara għas-setgħa tal-Istati Membri ospitanti li jieħdu miżuri ta' emerġenza adegwati u mhux diskriminatorji biex jipprevjenu jew jippenalizzaw irregolaritajiet fit-territorju tagħhom, f'sitwazzjonijiet fejn huwa strettament neċessarju li tittieħed azzjoni immedjata sabiex jitħarsu d-drittijiet tal-membri u tal-benefiċjarji, u fejn il-miżuri ekwivalenti tal-Istati Membri ta' domiċilju mhumiex adegwati jew mhumiex biżżejjed. Dik il-fakultà għandha tinkludi l-possibbiltà li l-IORPs, sa fejn ikun strettament meħtieġ, ma jitħallewx joperaw fl-Istat Membru ospitanti għall-impriża sponsor.

13. Kwalunkwe miżura adottata skont il-paragrafi 10 sa 13 u li timplika restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tal-IORPs għandha tkun debitament motivata u kkomunikata mingħajr dewmien żejjed lill-IORP ikkonċernata. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li tadotta tali miżura għandha tikkomunikaha wkoll lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari, u fil-kuntest tal-paragrafu 11, it-tielet subparagrafu, lill-EIOPA.";

(14) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a
Bidliet fl-informazzjoni notifikata

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' bidla fi kwalunkwe dettall ikkomunikat skont l-Artikolu 11(3)(b) jew (c), IORP tagħti avviż bil-miktub dwar il-bidla lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u ospitanti mill-inqas xahar qabel ma tagħmel il-bidla sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u ospitanti jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 11.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, in-notifika ta' impriża sponsor addizzjonali waħda jew aktar minn waħda għal skema tal-pensjoni notifikata qabel, jew ta' emendi mhux materjali għall-karatteristiċi ta' dik l-iskema, tkun soġġetta għal proċedura ta' notifika simplifikata.";

(15) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP trasferenti tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji kkonċernati u, fejn applikabbli, tar-rappreżentanti tagħhom, l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tat-trasferiment fil-ħin u qabel ma tiġi ppreżentata l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. It-trasferiment transfruntier għandu jkun soġġett għal approvazzjoni minn qabel minn:

(a) maġġoranza sempliċi tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati jew, fejn applikabbli, maġġoranza sempliċi tar-rappreżentanti tagħhom; u

(b) l-impriża sponsor, fejn applikabbli.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-maġġoranza sempliċi għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tar-risposti riċevuti.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, biex jiġi approvat trasferiment, għandu jintlaħaq limitu ta' parteċipazzjoni sa 25 % tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati.";

(c) fil-paragrafu 11, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn it-trasferiment jirriżulta f'attività transfruntiera, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-IORP trasferenti għandha tinforma wkoll lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-IORP riċeventi dwar ir-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li taħthom trid tiġi operata l-iskema ta' pensjoni u tar-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-

Istat Membru ospitanti msemmija fit-Titolu IV li għandhom japplikaw għall-attività transfruntiera. Dan għandu jiġi kkomunikat fi żmien 4 ġimgħat oħra.";

(16) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

"Artikolu 12a
Trasferimenti domestiċi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasferimenti bejn l-IORPs awtorizzati fl-istess Stat Membru tat-totalità jew ta' parti mill-obbligazzjonijiet, il-provvedimenti tekniċi, u l-obbligi u d-drittijiet l-oħra ta' skema ta' pensjoni, u l-assi korrispondenti jew l-ekwivalenti fi flus kontanti tagħhom, ikunu rregolati minn proċeduri sempliċi u trasparenti li jiżguraw il-protezzjoni tal-membri u l-benefiċjarji u t-tkomplija ta' ġestjoni tajba tal-iskemi ta' pensjoni kkonċernati.

Tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, li għandha tivverifika mill-inqas is-segwenti kollu:

(a) li l-informazzjoni sottomessa hija kompluta u preċiża;

(b) li l-istruttura amministrattiva, is-sitwazzjoni finanzjarja, u r-reputazzjoni tajba jew il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tal-persuni li effettivament imexxu l-IORPs ikkonċernati huma kompatibbli mat-trasferiment propost;

(c) li jkunu protetti b'mod adegwat l-interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji;

(d) li l-assi li għandhom jiġu ttrasferiti huma suffiċjenti u adegwati biex ikopru l-obbligazzjonijiet relatati, il-provvedimenti tekniċi u obbligi u drittijiet oħra.

Meta Stat Membru jissoġġetta t-trasferimenti domestiċi għall-approvazzjoni minn qabel tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati, il-proċedura ta' approvazzjoni ma għandhiex tkun aktar stretta mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12(3).";

(17) fl-Artikolu 13, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jiżgura li l-IORPs jistabbilixxu f'kull ħin fir-rigward tal-firxa totali tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali tagħhom u, fejn permess skont il-liġi nazzjonali, tal-iskemi ta' pensjoni personali distribwiti permezz tal-IORPs, ammont adegwat ta' obbligazzjonijiet li jikkorrispondu għall-impenji finanzjarji li jirriżultaw mill-portafoll tagħhom ta' kuntratti ta' pensjoni eżistenti.

2. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jiżgura li l-IORPs li joperaw skemi ta' pensjoni, jekk ikunu jipprovdu kopertura kontra riskji bijometriċi jew jiggarantixxu prestazzjoni tal-investiment jew inkella livell partikolari ta' benefiċċji, jistabbilixxu provvedimenti tekniċi suffiċjenti fir-rigward tal-firxa totali ta' tali skemi.";

(18) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-Istati Membri ta' domiċilju għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom is-setgħat meħtieġa biex jippermettu li IORP ikollha, għal perjodu ta' żmien limitat, assi insuffiċjenti biex tkopri l-provvedimenti tekniċi. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li l-IORP tadotta pjan ta' rkupru konkret u

fattibbli bi skeda ta' żmien, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 jerġgħu jiġu ssodisfati. Il-pjan għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-perjodu limitat ta' żmien imsemmi fil-kliem introduttorju tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi ddeterminat mil-liġi nazzjonali u fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż l-10 snin.";

(b) jitħassar il-paragrafu 3;

(19) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li kull IORP imsemmija fl-Artikolu 15(1) li tkun awtorizzata fit-territorju tagħhom iżżomm f'kull ħin marġni ta' solvenza disponibbli adegwat fir-rigward tan-negozju kollu tagħha li jkun, mill-inqas, daqs l-eżiġenzi f'din id-Direttiva, biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali, u, fejn permess skont il-liġi nazzjonali, tal-viżjoni personali tal-irtirar.";

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Iċ-ċifra msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ma għandhiex taqbeż it-3,5 % tas-somma tad-differenzi bejn, minn naħa waħda, is-somom kapitali rilevanti tal-assigurazzjoni tal-ħajja, il-provvista ta' rtirar okkupazzjonali, u, fejn permess skont il-liġi nazzjonali, l-attivitajiet ta' provvista ta' rtirar personali u, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet matematiċi għall-poloz kollha li għalihom hi possibbli z-Zillmerizzazzjoni. Id-differenza għandha titnaqqas bl-ammont tal-ispejjeż tal-akkwist mhux deprezzati mdaħħla bħala attivi.";

(20) fl-Artikolu 17 jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 64a biex temenda n-numri u l-valuri perċentwali msemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18.";

(21) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"Artikolu 18a

Ittestjar tal-istress intern

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju għandhom jirrikjedu li l-IORPs li joperaw skemi ta' pensjoni, meta l-IORP innifisha, u mhux l-impriża sponsor, tissottoskrivi l-obbligazzjoni biex tkopri kontra riskju bijometriku, jew tiggarantixxi prestazzjoni ta' investiment partikolari jew livell partikolari ta' benefiċċji, iwettqu test tal-istress mill-inqas kull 3 snin biex jivvalutaw il-kapaċità tagħhom li jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-membri u l-benefiċjarji, inkluż f'xenarji li jirrappreżentaw evoluzzjoni demografika u tas-suq avversa.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandu jkollha s-setgħa li tirrikjedi li IORP twettaq l-eżerċizzju tat-test tal-istress b'mod aktar frekwenti, tal-anqas meta r-riżultati tat-testijiet tal-istress tas-snin preċedenti jidentifikaw riskju li ma jkollhomx assi suffiċjenti u xierqa biex ikopru l-provvedimenti tekniċi fl-10 snin li ġejjin.

L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu wkoll li l-IORP tivvaluta jekk il-marġni ta' solvenza disponibbli pprojettat tagħha jaqbiżx il-marġni ta' solvenza meħtieġ tagħha, jew, fejn applikabbli, kwalunkwe livell ogħla ta' fondi proprji regolatorji meħtieġ skont il-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 15.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-IORPs għandhom jagħmlu projezzjonijiet, matul l-10 snin finanzjarji li ġejjin mid-data tal-aktar rapporti finanzjarji reċenti, tal-assi u l-obbligazzjonijiet taħt kull wieħed mix-xenarji li ġejjin:

(a) xenarju ta' referenza li jestendi l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti fid-data tal-aktar rapporti finanzjarji reċenti;

(b) xenarju avvers ta' tnaqqis relattiv permanenti fir-rati tal-imgħax ta' 40 % jew tnaqqis assolut ta' 0,75 punti perċentwali, skont liema jkun l-aktar sever, mingħajr ma r-rati tal-imgħax jaqgħu taħt iz-0 % jew jaqbżu t-3,5 %;

(c) xenarju avvers ta' tnaqqis fir-redditi fuq l-investiment fuq assi mhux deprezzabbli bi 30 %;

(d) tnaqqis fir-rati ta' mortalità tal-membri u tal-benefiċjarji fl-etajiet kollha b'10 %.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-IORPs:

(a) jagħmlu projezzjonijiet fuq aktar minn 10 snin finanzjarji;

(b) iwettqu projezzjonijiet f'xenarji avversi li jkunu aktar severi mix-xenarji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b), (c) jew (d);

(c) iwettqu projezzjonijiet f'xenarji ta' stress addizzjonali.

3 Meta r-riżultati tat-test tal-istress imsemmi fil-paragrafu 1 jindikaw li, taħt kwalunkwe wieħed mix-xenarji msemmija fil-paragrafu 2, IORP jew ma jkollhiex biżżejjed assi biex tkopri l-provvedimenti tekniċi jew, fejn applikabbli, ikollha marġni ta' solvenza disponibbli insuffiċjenti biex tissodisfa l-marġni ta' solvenza meħtieġ jew kwalunkwe livell ogħla ta' fondi proprji regolatorji meħtieġa skont il-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 15 għal kwalunkwe sena projettata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti titlob lill-IORP tissottometti pjan ta' konverġenza.

Dak il-pjan ta' konverġenza għandu jistabbilixxi l-miżuri li l-IORP biħsiebha tieħu biex tirrestawra, matul il-perjodu ta' projezzjoni, il-kapaċità tagħha li żżomm biżżejjed assi biex tkopri l-provvedimenti tekniċi jew, fejn applikabbli, li jkollha marġni ta' solvenza disponibbli li jaqbeż il-marġni ta' solvenza meħtieġ, fix-xenarji kollha msemmija fil-paragrafu 2.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tippreżenta l-pjan ta' konverġenza lill-awtorità kompetenti fi żmien 3 xhur mid-data tat-twettiq tat-test tal-istress.

Meta ma jiġi ppreżentat l-ebda pjan ta' konverġenza fi żmien 3 xhur, jew meta l-pjan ta' konverġenza ma jkunx fih azzjonijiet kredibbli biex jiġi indirizzat is-sottofinanzjament identifikat jew, fejn applikabbli, il-livell insuffiċjenti tal-marġni ta' solvenza disponibbli fit-test tal-istress, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jirrikjedu li l-IORP ikollha marġni ta' solvenza disponibbli ogħla.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika meta IORP tkun permessa li jkollha, skont l-Artikolu 14(2), assi insuffiċjenti biex tkopri l-provvedimenti tekniċi għal perjodu

ta' żmien limitat. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjan ta' rkupru adottat skont l-Artikolu 14(2) jirrifletti r-riżultat tat-test tal-istress imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u, fejn meħtieġ, jiġi aġġornat kif xieraq, b'mod partikolari meta jiġu ddeterminati l-miżuri u l-perjodu għar-restawr tal-finanzjament sħiħ.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1 sa 3 meta jirrikjedu li l-IORPs li jinsabu fit-territorju tagħhom iżommu fondi proprji regolatorji, li jaqbżu l-marġni ta' solvenza meħtieġ imsemmi fl-Artikolu 17, dment li tali rekwiżiti dwar il-fondi proprji regolatorji jkunu bbażati fuq ir-riskju, tal-anqas fir-rigward tar-riskji tas-suq u tal-lonġevità.";

(22) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-kliem introduttorji huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu l-IORPs awtorizzati fit-territorju tagħhom jinvestu f'konformità mal-prinċipju tal-'persuna prudenti' u b'mod partikolari f'konformità mar-regoli li ġejjin:";

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu r-riskji għas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*] fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom u għal dak l-għan l-IORPs għandhom iqisu l-impatt potenzjali fit-tul tal-istrateġija ta' investiment tagħhom u d-deċiżjonijiet dwar il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.";

(c) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-assi għandhom predominantement ikunu investiti fi swieq regolati, MTFs jew OTFs;";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 1a sa 1d li ġejjin:

"1a. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, fir-rigward tal-portafoll kollu tal-assi, l-IORPs jinvestu biss f'assi u strumenti li r-riskji tagħhom l-IORP ikkonċernata tkun tista' tidentifika, tkejjel, timmonitorja, timmaniġġja, tikkontrolla u tirrapporta kif xieraq, u jqisu kif xieraq fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament ġenerali u fil-valutazzjoni tar-riskji għall-membri u l-benefiċjarji relatati mal-ħlas tal-benefiċċji tal-irtirar tagħhom f'konformità mal-Artikolu 28.

1b. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-assi miżmuma biex ikopru l-provvedimenti tekniċi wkoll jiġu investiti b'manjiera adegwata għan-natura u d-durata tal-obbligazzjonijiet li tidħol għalihom l-IORP.

1c. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji, meta l-IORPs ikunu kapaċi jistmaw dawk il-preferenzi ta' sħubija u sa fejn dawk il-preferenzi jkunu konsistenti mal-prinċipji ta' investiment stabbiliti fil-paragrafu 1.

1d. Għall-finijiet tal-paragrafu 1c, il-preferenzi ta' sostenibbiltà għandhom ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva,

sa liema punt, wieħed jew aktar mill-istrumenti finanzjarji li ġejjin għandhom jiġu integrati fl-investiment tiegħu jew tagħha:

(a) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minimu għandu jiġi investit f'investimenti ambjentalment sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(b) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minu għandu jiġi investit f'investimenti sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (17), tar-Regolament (UE) 2019/2088;

(c) strument finanzjarju li jqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088, meta l-klijent jew il-klijent potenzjali jiddetermina l-elementi kwalitattivi jew kwantitattivi li juru li l-kunsiderazzjoni.";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti, għall-IORPs awtorizzati fit-territorji tagħhom, biex jistabbilixxu regoli aktar dettaljati, sakemm dawn ikunu prudentement ġustifikati.

Tali regoli għandhom japplikaw biss meta r-riskju tal-investiment jiġġarrab mill-membri u l-benefiċjarji. Madankollu, f'każijiet bħal dawn, l-IORPs ma għandhomx jinżammu milli:

(a) jinvestu sa 70 % tal-assi li jkopru provvedimenti tekniċi jew tal-portafoll sħiħ għal skemi li fihom il-membri jġorru r-riskji ta' investiment f'ishma, titoli negozjabbli ttrattati bħala ishma u bonds korporattivi ammessi għan-negozjar fi swieq regolati, jew permezz ta' MTFs jew OTFs, u jiddeċiedu dwar il-piż relattiv ta' dawk it-titoli fil-portafoll tagħhom ta' investiment;

(b) jinvestu sa 30 % tal-assi li jkopru provvedimenti tekniċi f'assi denominati f'muniti għajr dawk li fihom huma espressi l-obbligazzjonijiet;

(c) jinvestu fi strumenti li għandhom orizzont tal-investiment ta' terminu twil u li mhumiex innegozjati fi swieq regolati, f'MTFs jew f'OTFs;

(d) jinvestu fi strumenti maħruġa jew iggarantiti mill-BEI u previsti fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil, il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej u l-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju.";

(d) jitħassru l-paragrafi 7 u 8;

---

* Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2088/oj).;

** Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).

(23) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu lill-IORPs kollha jadottaw sistema ta’ governanza effikaċi li tipprevedi l-immaniġġjar sod u prudenti tal-attivitajiet tagħhom. Dik is-sistema għandu jkollha mill-inqas:

(a) struttura organizzazzjonali adegwata u trasparenti b’allokazzjoni ċara u segregazzjoni xierqa tar-responsabbiltajiet;

(b) sistema effikaċi biex tiġi żgurata t-trażmissjoni tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta’ interess.

Dik is-sistema ta’ governanza għandha tiżgura li l-fatturi ambjentali, soċjali u ta’ governanza relatati ma’ assi ta’ investiment jiġu kkunsidrati f’deċiżjonijiet ta’ investiment u għandha tkun soġġetta għal rieżamijiet interni regolari.

Tali rieżamijiet interni għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-kompożizzjoni, tal-effettività u tal-governanza interna tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, filwaqt li jitqiesu n-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fl-attivitajiet tal-IORP.”;

(b) il-paragrafi 3 u 4 jiġu sostitwiti b’dawn li ġejjin:

“3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jistabbilixxu u japplikaw politiki bil-miktub fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju, il-kontroll intern, l-awditjar intern, ir-remunerazzjoni u, fejn rilevanti, l-attivitajiet attwarjali u esternalizzati, u li dawk il-politiki jiġu implimentati. Dawn il-politiki bil-miktub għandhom jiġu soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel min-naħa tal-korp maniġerjali jew superviżorju tal-IORP u għandhom jiġu sottomessi għal rieżami mill-inqas kull 3 snin u adattati fid-dawl ta’ kwalunkwe bidla sinifikanti fis-sistema jew fil-qasam ikkonċernat(a).

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jkollhom fis-seħħ sistema effikaċi ta’ kontroll intern. Din is-sistema għandu jkollha proċeduri amministrattivi u ta’ kontabbiltà, qafas ta’ kontroll intern, u arranġamenti xierqa ta’ rapportar fil-livelli kollha tal-IORP u funzjoni ta’ konformità.”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

“4a. Il-funzjoni permanenti ta’ konformità għandha tinkludi l-għoti ta’ pariri lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju dwar il-konformità mal-liġi, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi adottati taħt din id-Direttiva. Għandha tivvaluta wkoll l-impatt possibbli ta’ kull bidla fis-sitwazzjoni legali fuq l-operat tal-IORP ikkonċernata u għandha tidentifika u tivvaluta r-riskju ta’ konformità.”

(d) fil-paragrafu 6, jitħassru t-tieni u t-tielet sentenza;

(e) jiżdiedu l-paragrafi minn 7 sa 10 li ġejjin:

“7. Meta jeżisti kunflitt ta’ interess potenzjali jew reali li jirriżulta mir-relazzjoni bejn l-IORP u fornitur ta’ servizz tal-IORP, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-persuni li effettivament imexxu l-IORP jieħdu deċiżjonijiet indipendenti unikament fl-interess tal-membri u tal-benefiċjarji.

8. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs u, fejn applikabbli, il-kumitati tan-nomina rispettivi tagħhom, jiddefinixxu sett wiesa’ ta’ kwalitajiet u kompetenzi meta jagħżlu membri fil-korp maniġerjali jew superviżorju, u jiżguraw rappreżentanza bbilanċjata ta’ nisa u rġiel.

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs u, fejn applikabbli, il-kumitati tan-nomina rispettivi tagħhom, jistabbilixxu politika li tippromwovi d-diversità u l-inklużjoni fil-korp ta' maniġment jew superviżjoni. Dik il-politika għandha tikkunsidra, fejn rilevanti, li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju jkun jinkludi rappreżentanti tas-sħab soċjali, u tiġi applikata b'mod li jkun proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.

L-Istati Membri għandhom jeżiġu wkoll li l-politika tistabbilixxi objettivi kwantitattivi individwali relatati mal-bilanċ bejn il-ġeneri b'mod li jkun proporzjonat man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs. L-objettiv għandu jikkunsidra l-membri tal-korp maniġerjali jew superviżorju li jintgħażlu mill-isponsor tal-IORP u ma għandux japplika għall-IORPs meta l-għadd ta' membri tal-korp maniġerjali jew superviżorju li jintgħażlu mill-isponsor tal-IORPs ikun tlieta jew inqas.

9. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs jippubblikaw fir-rapporti annwali l-mira ta' rappreżentazzjoni tal-ġeneru bbilanċjata tal-ġeneru sottorappreżentat fil-korp maniġerjali jew superviżorju, il-politika dwar kif jiżdied l-għadd tal-ġeneru sottorappreżentat fil-korp maniġerjali jew superviżorju u l-implimentazzjoni tagħha.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-mezzi, il-metodi u l-kompetenzi xierqa biex jivverifikaw is-sistema ta' governanza tal-IORPs u jevalwaw ir-riskji emerġenti identifikati minn dawk l-IORPs li jistgħu jaffettwaw is-soliditá finanzjarja tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat neċessarji biex jitolbu li s-sistema ta' governanza titjieb u tissaħħaħ sabiex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 20 sa 32.";

(24) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-IORPs jiżguraw li l-persuni li effettivament imexxu l-IORP, il-korpi amministrattivi, ta' maniġment jew superviżjoni, persuni li jwettqu funzjonijiet ewlenin oħra u, fejn applikabbli, persuni jew entitajiet li lilhom tkun ġiet esternalizzata funzjoni ewlenija skont l-Artikolu 31, ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti segwenti meta jwettqu l-kompiti tagħhom:

(a) ir-rekwiżit li jkunu kompetenti:

(i) għall-persuni li effettivament imexxu l-IORP, dan ifisser li l-kwalifiki, l-għarfien u l-esperjenza tagħhom ikunu adegwati biex jippermettulhom jiżguraw ġestjoni adegwata u prudenti tal-IORP, li għandha tinkludi l-għarfien u l-kompetenzi li jippermettulhom jindirizzaw il-livelli differenti ta' riskju li l-membri u l-benefiċjarji huma esposti għalihom, skont in-natura tal-iskemi li huma parti minnhom;

(ii) għal persuni li jwettqu l-funzjonijiet ewlenin attwarji u ta' awditu intern dan ifisser li l-kwalifiki, l-għarfien u l-esperjenza professjonali tagħhom huma xierqa biex iwettqu l-funzjonijiet ewlenin tagħhom kif xieraq;

(iii) għal persuni li jwettqu funzjonijiet ewlenin oħra dan ifisser li l-kwalifiki, l-għarfien u l-esperjenza tagħhom huma xierqa biex iwettqu l-funzjonijiet ewlenin tagħhom kif xieraq;

(iv) għall-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji, dan ikun ifisser li l-kwalifiki, l-għarfien u l-esperjenza tal-membri tagħhom ikunu kollettivament adegwati biex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom;

(b) ir-rekwiżit li jkunu idonei: ikunu ta' reputazzjoni u integrità tajba.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

"1a. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-IORPs jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom kwalunkwe bidla fl-identità tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1, flimkien mar-raġunijiet għall-bidliet u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi vvalutat jekk il-persuni l-ġodda maħtura humiex kompetenti u idonei.

1b. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-IORPs jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom meta kwalunkwe waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tibqax tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu jew tkun ġiet sostitwita għal dik ir-raġuni.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jevalwaw jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 fuq bażi kontinwa, u jekk hemmx xi kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali u kif dawn jiġu evitati jew ġestiti.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Meta persuna li effettivament tmexxi l-IORP jew ikollha funzjonijiet ewlenin oħra ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa li jeżiġu lill-IORP tneħħi lil tali persuna minn dik il-pożizzjoni.";

(25) fl-Artikolu 23(3), jiżdiedu l-punti (h) u (i) li ġejjin:

"(h) il-politika ta' remunerazzjoni għandha tispeċifika l-forma ta' kif l-IORP tieħu kont tal-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fis-sistema tal-ġestjoni tar-riskju;

(i) il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji u għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' paga ugwali għall-impjegati rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali għan-nisa u l-irġiel.";

(26) fl-Artikolu 25(2), il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju għandha tkopri, b'mod li jkun proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs, ir-riskji li jistgħu jinqalgħu fl-IORPs jew fl-impriżi li lilhom ikunu ġew esternalizzati l-kompiti jew l-attivitajiet ta' IORP, mill-inqas fl-oqsma li ġejjin, fejn xieraq:";

(27) L-Artikolu 26 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 26

Funzjoni tal-awditjar intern

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs jipprevedu funzjoni effettiva tal-awditjar intern b'mod li jkun proporzjonat man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom.

Il-funzjoni ta' awditu intern għandha tinkludi valutazzjoni tal-adegwatezza u l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll intern u elementi oħra tas-sistema ta' governanza, inklużi, fejn ikun applikabbli, l-attivitajiet esternalizzati.

2. Kwalunkwe sejba u rakkomandazzjoni tal-verifika interna għandha tiġi rapportata lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju li għandu jiddetermina x'azzjonijiet għandhom jittieħdu fir-rigward ta' kull waħda mis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-verifika interna u għandu jiżgura li dawn l-azzjonijiet jitwettqu.";

(28) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jistabbilixxu politika bil-miktub għall-awtovalutazzjoni tar-riskji, li jkun fiha l-proċessi u l-proċeduri għat-twettiq tal-valutazzjoni, il-frekwenza tal-valutazzjoni u l-metodi.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem introduttorji huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1, li tqis in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP, tkun tinkludi dan li ġej:";

(ii) jiżdiedu l-punti (i), (j) u (k) li ġejjin:

"(i) valutazzjoni ta' kif ir-riskji li għalihom l-IORP hija esposta jew tista' tkun esposta jikkumparaw mal-limiti ta' tolleranza tar-riskju approvati mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-IORP;

(j) il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 44b(2);

(k) valutazzjoni tal-ekonomiji ta' skala u tal-għażliet ta' effiċjenza, inkluża l-parteċipazzjoni fi strutturi ta' investiment akkomunati, servizzi jew trasferimenti kondiviżi, u tal-impatt tagħhom fuq il-membri u l-benefiċjarji.";

(iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (i), l-Istati Membri għandhom jeżiġu li meta, f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-iskema tal-pensjoni, il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskji, għandhom jitqiesu r-riskji u l-limiti tat-tolleranza tar-riskju mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji, filwaqt li titqies il-kapaċità tagħhom li jġorru r-riskju u l-predispożizzjoni għar-riskju tagħhom.";

(29) fl-Artikolu 30 jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-Istati Membri għandhom jeżiġu li r-rapport jidentifika objettivi ċari ta' investiment għal kull skema tal-pensjoni li jkunu konsistenti mal-objettiv tal-introjtu tal-irtirar tagħha, mal-objettivi ġenerali tal-prestazzjoni għall-iskema u mal-mezzi ta'

monitoraġġ tal-prestazzjoni. Ir-rapport għandu jidentifika wkoll meta d-devjazzjonijiet mill-istrateġija tal-allokazzjoni tal-assi u l-objettivi tal-prestazzjoni jistgħu jiġu ttollerati u sa liema punt. Il-politika ta' investiment għandha tinkludi wkoll kwalunkwe deċiżjoni ġenerali dwar l-allokazzjoni tattika tal-assi, l-għażla tas-sigurtà u l-eżekuzzjoni tal-kummerċ.

Ir-rapport għandu jindirizza wkoll jekk, għaliex, sa liema punt u kif se jintużaw klassijiet aktar kumplessi ta' assi, inklużi klassijiet ta' assi alternattivi, u għandu jispeċifika l-firxa xierqa tal-iskopertura għar-riskju tal-kontroparti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tistabbilixxi proċeduri u kriterji għar-rieżami tal-effettività tal-politika ta' investiment u għad-determinazzjoni ta' jekk humiex meħtieġa emendi fil-politika, fil-proċeduri ta' implimentazzjoni tagħha jew fl-istruttura tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Ir-rapport għandu jiġi adottat mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-IORP. Meta IORP timmaniġġja skemi ta' pensjoni differenti, għal kull waħda minnhom għandhom jitħejjew rapporti separati tal-politika ta' investiment.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-iskemi tal-pensjoni li fihom il-membri huma intitolati jagħmlu għażliet ta' investiment, ir-rapport jipprevedi firxa xierqa ta' għażliet ta' investiment, inkluża għażla prestabbilita, jikklassifika dawk l-għażliet skont in-natura u l-firxa tar-riskju tal-investiment imġarrab mill-membri, u jiżgura li jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli biex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet informati dwar l-investiment.";

(30) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jippermettu jew jeżiġu li l-IORPs awtorizzati fit-territorju tagħhom jafdaw kwalunkwe attività, inklużi l-funzjonijiet ewlenin u l-ġestjoni ta' dawk l-IORPs, kompletament jew parzjalment, lill-fornituri ta' servizzi li joperaw f'isem dawk l-IORPs, dment li l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni jikkonformaw mal-paragrafi 2 sa 7.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs li jesternalizzaw funzjonijiet ewlenin, l-immaniġġjar ta' dawk l-IORPs, jew attivitajiet oħra koperti minn din id-Direttiva jidħlu fi ftehim bil-miktub legalment infurzabbli mal-fornitur ta' servizz. Ftehim bħal dan għandu jinkludi diżaggregazzjoni tal-kostijiet diretti u indiretti u għandu jiddefinixxi b'mod ċar id-drittijiet u l-obbligi tal-IORP u tal-fornitur tas-servizzi. F'każ ta' kunflitt ta' interess potenzjali mal-fornitur tas-servizzi, l-IORPs għandhom jiddokumentaw u jimplimentaw proċeduri għall-prevenzjoni jew għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.";

(c) jitħassar il-paragrafu 7;

(31) l-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Fil-każ ta' skema ta' pensjoni fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tirrikjedi li l-IORP taħtar depożitarju wieħed għal kull skema ta' pensjoni għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikoli 34 u 35

jew, jekk l-IORP innifisha żżomm l-assi f'konformità mal-Artikolu 34(2), tirrikjedi li l-IORP ikollha fiduċjarju li jwettaq id-dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 35 u jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-IORP jew, fejn applikabbli, l-entità awtorizzata msemmija fl-Artikolu 2(1), ma għandhomx jaġixxu bħala depożitarju għal dik l-iskema.

2. Għall-iskemi ta' pensjoni li fihom il-membri u l-benefiċjarji ma jġorrux ir-riskju tal-investiment kollu huma, l-Istat Membru ta' domiċilju jista' jeżiġi li l-IORP taħtar depożitarju għal kull skema ta' pensjoni għall-kustodja tal-assi jew għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikoli 34 u 35.

3. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, għall-ħatra tad-depożitarju għandu japplika kif xieraq il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2009/65/KE.

L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu li l-IORPs jaħtru depożitarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor.";

(32) L-Artikolu 34 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 34

Kustodja tal-assi u responsabbiltà tad-depożitarju

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, għall-eżekuzzjoni tal-kompiti tad-depożitarji fir-rigward tas-salvagwardja tal-assi u r-responsabbiltà tad-depożitarju, għandu japplika kif xieraq il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2009/65/KE.

2. Fejn ma jinħatar l-ebda depożitarju għall-kustodja tal-assi, l-IORPs għandhom tal-anqas ikunu rikjesti:

(a) jiżguraw li l-istrumenti finanzjarji jkunu soġġetti għall-attenzjoni u l-protezzjoni dovuta;

(b) iżommu rekords li jippermettu lill-IORPs jidentifikaw l-assi kollha f'kull ħin u mingħajr dewmien;

(c) jieħdu l-miżuri neċessarji biex jevitaw li jkun hemm kunflitti ta' interess fir-rigward tal-kustodja tal-assi;

(d) jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti, fuq talba, dwar kif ikunu qed jinżammu l-assi.";

(33) fl-Artikolu 35, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, għad-dmirijiet ta' sorveljanza għandu japplika kif xieraq il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2009/65/KE.";

(34) l-intestatura tat-Titolu IV hija sostitwita b'dan li ġej:

“TITOLU IV
INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-MEMBRI PROSPETTIVI, LILL-MEMBRI U LILL-BENEFIĊJARJI U REGOLI DWAR IL-KONDOTTA KUMMERĊJALI TAJBA”;

(35) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. B’kont meħud tan-natura tal-iskema ta’ pensjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull IORP awtorizzata fit-territorju tagħhom li topera skemi ta’ pensjoni okkupazzjonali tipprovdi:

(a) lill-membri prospettivi: mill-inqas l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Artikolu 41;

(b) lill-membri: mill-inqas l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Artikoli 37 sa 40, 41a, 42 u 44; u

(c) lill-benefiċjarji: mill-inqas l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Artikoli 37, 41a, 43 u 44.

Meta, skont il-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu awtorizzati jipprovdu prodotti tal-pensjoni personali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull IORP awtorizzata fit-territorju tagħhom li tipprovdi dawk il-prodotti għajr il-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2019/1238, tipprovdi lill-faddala prospettivi u lill-faddala tal-pensjoni personali u lill-benefiċjarji informazzjoni li tkun ċara, ġusta, mhux qarrieqa, u xierqa għan-natura tal-prodott, għall-mezz ta’ distribuzzjoni u għall-karatteristiċi tal-faddal jew tal-benefiċjarju. Dik l-informazzjoni għandha tiggarantixxi livell ta’ trasparenza u protezzjoni ekwivalenti għal dak meħtieġ skont il-liġi nazzjonali għad-distribuzzjoni ta’ prodotti tal-pensjoni personali minn entitajiet jew istituzzjonijiet oħra, tal-anqas fir-rigward tal-elementi segwenti:

(a) l-identità, il-forma ġuridika u l-istatus ta’ awtorizzazzjoni tal-IORP;

(b) il-karatteristiċi, il-kostijiet u r-riskji ewlenin tal-prodott tal-pensjoni personali offrut;

(c) l-eżistenza u n-natura ta’ kwalunkwe parir jew rakkomandazzjoni li jingħataw;

(d) in-natura ta’ kwalunkwe remunerazzjoni riċevuta b’rabta mal-prodott;

(e) il-proċeduri għall-ilmenti u r-rimedju.

L-Istati Membri jistgħu jadattaw dawk ir-rekwiżiti biex jirriflettu l-karatteristiċi speċifiċi tal-IORPs u d-diversità tal-mezzi ta’ distribuzzjoni tal-pensjonijiet personali.”;

(b) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

“4. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f’konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar l-informazzjoni li għandha tingħata f’konformità mal-Artikoli 41, 42 u 43.”;

(36) fl-Artikolu 37(1), il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) fejn il-membri jġorru r-riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat ta' investimenti relatati mal-iskema ta' pensjoni għal mhux inqas minn 10 snin, jew għas-snin kollha li l-iskema tkun ilha topera meta t-tul ta' żmien ikun inqas minn 10 snin;";

(37) jiddaħħal l-Artikolu 37a li ġej:

"Artikolu 37a

Sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jeżistu sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, dawn ikopru l-intitolamenti tal-pensjoni amministrati mill-IORPs.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jittrażmettu lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, jekk tali sistemi jkunu ġew stabbiliti, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-membri u l-benefiċjarji jingħataw ħarsa ġenerali komprensiva, affidabbli u aġġornata tal-intitolamenti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali tagħhom, sa fejn dawk l-intitolamenti jkunu amministrati mill-IORP.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tiġi trażmessa f'format standardizzat, li jinqara mill-magni u interoperabbli li jippermetti lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet jaggregaw id-data dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati b'mod koerenti u komparabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jibqgħu kompletament responsabbli li d-data trażmessa tkun kompluta u preċiża u għat-twettiq tal-obbligi kollha ta' komunikazzjoni previsti f'dan l-Artikolu.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità ma' dan l-Artikolu u jieħdu miżuri korrettivi meta l-IORPs ma jipprovdux informazzjoni kompluta, preċiża jew f'waqtha.

6. Il-format u l-istruttura tal-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-format u mal-istruttura stabbiliti fir-Regolament Delegat adottat skont l-Artikolu 38.";

(38) l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-IORPs jipproduċu dokument konċiż li jkun fih l-informazzjoni ewlenija għal kull membru. Dak id-dokument għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-livell ta' riskju mġarrab mill-membru u jqis in-natura speċifika tas-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti soċjali, tax-xogħol u tat-taxxa ("Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni"). It-titolu tad-dokument għandu jkun fih il-kliem "Rapport tal-Benefiċċji tal-Pensjoni".

2. Id-data u l-perjodu eżatti li għalihom tirreferi l-informazzjoni fir-Rapport tal-Benefiċċji tal-Pensjoni għandhom jiġu ddikjarati b'mod prominenti.

3. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li tinsab fir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni tkun preċiża, aġġornata, konsistenti mal-għażliet magħmula u kompluta. Sabiex jiġi ffaċilitat il-fehim, l-informazzjoni ppreżentata għandha tkun

strutturata f'kategoriji u ssegwi l-prinċipji ta' disinn tajjeb. Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandu jkun disponibbli għal kull membru mingħajr ħlas fuq karta jew permezz ta' mezzi elettroniċi, inkluż fuq mezz durabbli jew permezz ta' sit web, mill-inqas darba fis-sena, f'konformità mal-preferenza tal-membru. Il-preferenza għandha tinkiseb mill-inqas fil-bidu tas-sħubija.";

(b) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Il-format u l-istruttura tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandhom jiġu pprovduti lill-membri u lill-benefiċjarji bl-użu ta' format standardizzat tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu wkoll il-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' skemi tal-pensjoni.

L-EIOPA għandha, wara li twettaq testijiet tal-konsumatur u tal-industrija, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 38 sa 40. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(1)(i), l-EIOPA għandha tqis il-karatteristiċi ta' tipi differenti ta' skemi meta tabbozza dawk l-istandards tekniċi regolatorji, b'mod partikolari jekk il-membri u l-benefiċjarji jġorru riskju ta' investiment jew meta l-istrateġija ta' investiment tkun dipendenti fuq l-età jew tinkludi tqabbil tad-durata.

Sabiex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar, meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards regolatorji, l-EIOPA għandha, sa fejn ikun possibbli, tiżgura allinjament mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473[*], u timmira li tiffaċilita d-dħul tal-informazzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni fis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet u li tiżgura l-użabbiltà għall-membri u l-benefiċjarji.

L-EIOPA għandha tressaq dawk l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

---

[*] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar id-dokumenti ta' informazzjoni, dwar il-kostijiet u t-tariffi inklużi fil-kost massimu u dwar tekniki dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (ĠU L 99, 22.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/473/oj).";

(39) fl-Artikolu 39, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (ba) li ġej:

"(ba) l-Istat Membru li fih l-IORP hija awtorizzata u l-ismijiet tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru";

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) informazzjoni dwar il-projezzjonijiet tal-benefiċċji tal-pensjoni bbażati fuq l-età tal-irtirar kif speċifikat fil-punt (a), u ċaħda ta' responsabbiltà li dawk il-projezzjonijiet jistgħu jvarjaw mill-valur finali tal-benefiċċji riċevuti, inkluż, fejn applikabbli, li l-benefiċċju tal-irtirar jista' jkun varjabbli;";

(c) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) fejn il-membri jġorru riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, informazzjoni dwar il-kostijiet imposti u l-impatt tagħhom, inkluż:

(i) diżaggregazzjoni tal-kostijiet kollha mġarrba, direttament u indirettament, mill-membri u l-benefiċjarji matul it-12-il xahar preċedenti u fuq bażi komposta minn meta l-membru ssieħeb fl-iskema kkonċernata, li tindika mill-inqas il-kostijiet tal-amministrazzjoni, il-kostijiet tas-salvagwardja tal-assi, u l-kostijiet tal-investiment imġarrba b'rabta mal-ġestjoni tal-assi u mal-operazzjonijiet tal-portafoll;

(ii) stima tal-impatt li l-kostijiet għandhom fuq il-kapital finali akkumulat;";

(d) jiżdiedu l-punti (i) u (j) li ġejjin:

"(i) meta l-membri jġorru riskju ta' investiment, informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi tal-iskema tal-pensjoni jew, fejn applikabbli, tal-għażla tal-investiment meħuda, li tkopri l-prestazzjoni ta' minimu ta' 10 snin jew, f'każijiet fejn l-iskema jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti jkunu ġew ipprovduti għal inqas minn 10 snin, li tkopri s-snin kollha li fihom tkun ġiet ipprovduta l-iskema tal-pensjoni jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti;";

(j) meta l-membri jġorru riskju ta' investiment u jkunu jistgħu jagħżlu bejn opzjonijiet ta' investiment, indikazzjoni qasira tal-għażla tal-investiment meħuda, inkluż l-għadd ta' opzjonijiet magħżula, il-proporzjon ta' assi investiti f'kull opzjoni u indikazzjoni tal-livell ta' riskju tal-għażla magħmula f'forma sommarja.";

(e) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Għall-finijiet tal-punt (d), meta l-projezzjonijiet tal-benefiċċju tal-pensjoni jkunu bbażati fuq xenarji ekonomiċi, dik l-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas l-aqwa wieħed mix-xenarji stmati, xenarju favorevoli u xenarju sfavorevoli. Il-valur futur stmat tal-benefiċċji waqt l-irtirar għandu jintwera f'termini reali flimkien ma' spjegazzjoni narrattiva qasira.

Għall-finijiet tal-punt (g)(ii), il-kostijiet għandhom jintwerew mill-inqas f'termini monetarji u bħala perċentwal tal-kontribuzzjonijiet matul it-12-il xahar preċedenti u minn meta l-membru ssieħeb fl-iskema, rispettivament.

Għall-finijiet tal-punt (i), l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi għandha tkun akkumpanjata mid-dikjarazzjoni 'l-prestazzjoni fl-imgħoddi mhijiex indikattiva tal-prestazzjoni futura'.";

(40) fl-Artikolu 40(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) informazzjoni dwar is-suppożizzjonijiet użati għall-projezzjonijiet tal-benefiċċju tal-pensjoni u, fejn applikabbli, informazzjoni dwar is-suppożizzjonijiet użati għall-ammonti espressi f'annwalitajiet, b'mod partikolari fir-rigward tar-rata tal-annwalità, it-tip ta' fornitur u d-durata tal-annwalità;"

(41) l-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) kwalunkwe opzjoni rilevanti disponibbli għalihom inklużi l-opzjonijiet ta' investiment, u r-riskji tagħhom;";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-membri prospettivi kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 3 għandhom jingħataw dan li ġej:

(a) informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat ta' investimenti relatati mal-iskema ta' pensjoni għal mhux inqas minn 10 snin, jew għas-snin kollha li l-iskema tkun ilha topera meta t-tul ta' żmien ikun inqas minn 10 snin;

(b) informazzjoni dwar il-kostijiet diretti u indiretti kollha li l-membri u l-benefiċjarji ġarrbu matul it-12-il xahar preċedenti, inklużi l-kostijiet ta' kull opzjoni ta' investiment b'mod separat, ippreżentata mill-inqas f'termini monetarji, u stima tal-impatt tal-kostijiet fuq il-kapital finali akkumulat;

(c) informazzjoni dwar l-opzjonijiet ta' investiment disponibbli u r-riskji tagħhom.";

(c) fil-paragrafu 3, il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) kwalunkwe opzjoni rilevanti disponibbli għalihom inklużi l-opzjonijiet ta' investiment, u r-riskji u l-kostijiet tagħhom;";

(42) jiddaħħal l-Artikolu 41a li ġej:

"Artikolu 41a

Informazzjoni li għandha tingħata lill-membri u lill-benefiċjarji fil-każ ta' prestazzjoni agħar minn dik mistennija

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jimmonitorjaw b'mod regolari l-prestazzjoni tagħhom skont parametri referenzjarji stabbiliti mill-awtorità kompetenti tagħhom f'konformità mal-paragrafu 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta IORP tidentifika li l-prestazzjoni tagħha tiddevja sostanzjalment mill-parametru referenzjarju applikabbli, hija tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tagħha u tipprovdi evidenza li l-kostijiet u l-imposti tal-iskema huma ġustifikati u proporzjonati u li l-iskema hija konformi mat-tolleranza tar-riskju tal-membri u l-benefiċjarji tagħha.

Meta l-awtorità kompetenti tikkonkludi li l-evidenza li l-kostijiet u l-imposti tal-iskema mhumiex ġustifikati u proporzjonati jew li l-iskema mhijiex konformi mat-tolleranza tar-riskju tal-membri u l-benefiċjarji tagħha, jew fejn il-prestazzjoni insuffiċjenti tippersisti għal mill-inqas 3 snin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tinforma minnufih lill-membri u l-benefiċjarji tagħha dwar dik is-sitwazzjoni b'mod ċar, ġust u li jinftiehem.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, tippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jifhmu kif l-iskema tikkumpara ma' IORPs oħrajn fir-rigward tal-prestazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta tispjega b'mod sempliċi r-raġunijiet għall-prestazzjoni agħar minn dik mistennija, kif il-kostijiet u l-imposti huma proporzjonati u ġustifikati, u l-azzjonijiet li qed jittieħdu biex jittejbu r-riżultati u biex jiġi protett il-valur tad-drittijiet akkumulati tal-membri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tibqa' aċċessibbli b'mod faċli sakemm l-IORP turi titjib sostnut.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, issir disponibbli permezz tal-istess

mezzi li normalment jintużaw biex jipprovdu r-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni u komunikazzjonijiet regolari oħra, u li l-membri u l-benefiċjarji jiġu infurmati dwar kif jiksbu aktar dettalji jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu żviluppati parametri referenzjarji ċari, oġġettivi u trasparenti mill-awtorità kompetenti tagħhom għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni insuffiċjenti, inkluż fir-rigward tal-kostijiet amministrattivi, ta' investiment u ta' tranżazzjoni, ir-redditi grossi u netti fuq l-investiment u l-eżiti tal-finanzjament fuq perjodi speċifikati.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tadotta linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-prestazzjoni agħar minn dik mistennija fl-Istati Membri kollha.";

(43) l-Artikolu 42 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 42

Informazzjoni li għandha tingħata lill-Membri matul il-fażi ta' qabel l-irtirar

Minbarra r-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni, l-IORPs għandhom jipprovdu lil kull membru, fi żmien xieraq qabel l-età tal-irtirar kif speċifikat fl-Artikolu 39(1)(a), jew fuq talba tal-membru, informazzjoni dwar il-bidu li jkun fil-qrib tal-fażi tal-ħlas u l-opzjonijiet tal-ħlas tal-benefiċċji disponibbli fit-teħid tal-benefiċċji tal-irtirar tagħhom, inklużi l-kostijiet u l-imposti assoċjati ma' kull opzjoni u t-trattament tat-taxxa applikabbli.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tkun akkumpanjata minn spjegazzjoni konċiża li tkun tinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) il-karatteristiċi prinċipali, l-implikazzjonijiet u l-effetti potenzjali ta' kull opzjoni ta' ħlas tal-benefiċċji disponibbli fuq il-membru u, fejn applikabbli, fuq il-benefiċjarji;

(b) ir-riskji u l-fatturi li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-livell, l-istabbiltà jew id-durata tal-introjtu fl-irtirar;

(c) iċ-ċirkostanzi u l-kriterji li l-membri għandhom iqisu meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-opzjonijiet differenti ta' ħlas tal-benefiċċji għas-sitwazzjoni individwali tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta waħda mill-opzjonijiet ta' ħlas tal-benefiċċji offruti mill-IORP tkun annwalità varjabbli, l-IORP tipprovdi lil kull membru, fi żmien xieraq qabel l-età tal-irtirar kif speċifikat fl-Artikolu 39(1)(a), projezzjonijiet li juru l-varjazzjoni potenzjali fl-ammont tal-ħlas maż-żmien.";

(44) l-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu lill-IORPs jipprovdu informazzjoni lill-benefiċjarji kull sena dwar il-benefiċċji dovuti, l-opzjonijiet ta' ħlas korrispondenti, u diżaggregazzjoni tal-kostijiet kollha mġarrba u informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(g) u (i).

L-informazzjoni għandha tiddeskrivi wkoll il-fatturi ewlenin li jistgħu jaffettwaw il-livell jew id-durata tal-introjtu tal-irtirar, inklużi r-riskji tal-investiment u tal-istennija tal-għomor, u għandha tindika, fejn rilevanti, id-dritt li tinbidel l-opzjoni ta' ħlas.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta l-benefiċjarji jkomplu jagħmlu kontribuzzjonijiet jew iġorru r-riskju tal-investiment waqt il-fażi tal-ħlas, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs ikomplu jipprovdu r-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni, li għandu jkun fih ukoll l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.";

(45) fit-Titolu IV, jiżdied il-kapitolu li ġej:

"KAPITOLU 4
Regoli dwar il-kondotta fin-negozju

Artikolu 44a
Dmir ta' diliġenza

1. L-Istati Membri għandhom, filwaqt li jqisu n-natura tal-iskema ta' pensjoni, jiżguraw li kull IORP awtorizzata fit-territorju tagħhom dejjem taġixxi b'mod onest, ġust u professjonali, u f'konformità mal-aħjar interessi tal-membri u l-benefiċjarji tagħhom. Dawk l-interessi għandhom jinkludu l-objettiv li jipprovdu redditi adegwati, aġġustati għar-riskju u kosteffiċjenti fit-tul, b'mod konsistenti man-natura fit-tul tal-obbligi tal-pensjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jistabbilixxu salvagwardji, inkluża gwida biex jappoġġaw lill-membri prospettivi, lill-membri u lill-benefiċjarji meta jkunu qed jiddeċiedu dwar l-opzjonijiet disponibbli għalihom, u jinfurmawhom dwar il-konsegwenzi potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom.

Artikolu 44b
Struttura u implimentazzjoni adegwati tal-iskemi tal-pensjoni

1. Bla preġudizzju għal-liġi nazzjonali soċjali u tax-xogħol dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet, inklużi s-sħubija obbligatorja u l-eżiti tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li:

(a) L-IORPs jiżguraw li l-istruttura, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-pensjoni jkunu adegwati fid-dawl tal-ħtiġijiet, il-karatteristiċi u l-profil tar-riskju identifikati tal-membri u tal-benefiċjarji, b'mod li jkun proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-iskema.

(b) L-IORPs jirrieżaminaw regolarment u, fejn meħtieġ, jadattaw l-istruttura, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-iskema tal-pensjoni, filwaqt li jqisu kwalunkwe żvilupp sostanzjali, sabiex jiżguraw li l-iskema tibqa' xierqa u konsistenti mal-ħtiġijiet, il-karatteristiċi u l-profil tar-riskju tal-membri u l-benefiċjarji, b'mod li jkun proporzjonat man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-iskema.

L-IORP għandha tiddokumenta l-valutazzjoni ta' jekk l-istruttura, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-pensjoni humiex adegwati kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri jġorru riskju ta' investiment, l-IORPs jevalwaw ir-riskju fit-tul mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji, inklużi:

(a) id-determinazzjoni tat-tolleranza tar-riskju tal-membri u tal-benefiċjarji li jkunu jġorru r-riskji;

(b) l-introduzzjoni tal-użu ta' projezzjonijiet tal-pensjoni fil-valutazzjoni tar-riskju mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji;

(c) meta l-IORP toffri diversi opzjonijiet ta' investiment, ir-rieżami perjodiku tal-adegwatezza tal-opzjonijiet ta' investiment għall-membri skont it-tolleranza tar-riskju tagħhom, u fejn teżisti opzjoni prestabbilita, ir-rieżami tal-adegwatezza ta' dik l-opzjoni prestabbilita;

(d) meta l-IORPs ma joffrux diversi opzjonijiet ta' investiment, ir-rieżami perjodiku tal-istrateġija ta' investiment biex jittieħed kont tal-valutazzjoni tar-riskju fit-tul mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji.

Artikolu 44c

Ilmenti

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-IORPs jistabbilixxu u japplikaw proċeduri u arranġamenti effettivi li jkunu xierqa għas-soluzzjoni tal-ilmenti mressqa mill-membri u mill-benefiċjarji dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. Il-proċeduri u l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu disponibbli bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat, jew b'lingwa oħra aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru, jew li jkun hemm qbil dwarha bejn l-IORP u l-membri u l-benefiċjarji tagħha.

3. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-IORPs iwieġbu, b'mod elettroniku jew b'mezz durabbli ieħor, għall-ilmenti tal-membri u tal-benefiċjarji. It-tweġiba għandha tindirizza l-punti kollha mqajma fi żmien massimu ta' 40 jum ta' xogħol.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jinfurmaw lill-membri u lill-benefiċjarji li jressqu lment dwar mill-inqas korp wieħed ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR, alternative dispute resolution) li jkun kompetenti biex jittratta tilwim li jikkonċerna d-drittijiet u l-obbligi tal-membri u tal-benefiċjarji stabbiliti f'din id-Direttiva.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 tkun disponibbli bla ħlas għall-membri u għall-benefiċjarji b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, inkluż fuq mezz durabbli jew permezz ta' sit web, jew fuq karta. Dik l-informazzjoni għandha tispeċifika kif tista' tiġi aċċessata informazzjoni ulterjuri dwar il-korp ikkonċernat tal-ADR u dwar il-kundizzjonijiet għall-użu tagħha.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu proċeduri li jippermettu lill-membri, lill-benefiċjarji u lil partijiet interessati oħra, inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, jissottomettu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' ksur allegat ta' din id-Direttiva mill-IORPs. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilmentaturi jirċievu tweġibiet fil-każijiet kollha.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk każ jikkonċerna aktar minn Stat Membru wieħed, l-ilmentatur jista' jagħżel li jressaq l-ilment tiegħu permezz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza tiegħu stess, irrispettivament minn fejn ikun seħħ il-ksur.

Artikolu 44d

Rimedji barra l-qrati

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri ADR li huma adegwati, indipendenti, imparzjali, trasparenti u effettivi għas-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-IORPs u l-membri u l-benefiċjarji tagħhom dwar id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva. Fejn ikun xieraq, dawk il-proċeduri għandhom jiġu applikati mill-korpi kompetenti eżistenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali proċeduri ADR ikunu applikabbli, u l-kompetenza tal-korp ta' ADR rilevanti għandha effettivament testendi, għal IORPs li fil-konfront tagħhom ikunu nbdew il-proċeduri.

2. Il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkooperaw b'mod effettiv għar-riżoluzzjoni ta' tilwimiet transfruntiera li jikkonċernaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva.";

(46) l-intestatura tat-Titolu V hija sostitwita b'dan li ġej:

“TITOLU V
SUPERVIŻJONI”

(47) fit-Titolu V, l-intestatura tal-Kapitolu 1 hija sostitwita b’dan li ġej:

“KAPITOLU 1
Regoli ġenerali dwar is-superviżjoni”

(48) l-Artikolu 45 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 45

Poteri, riżorsi u objettiv ewlieni tas-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom il-mezzi u l-poteri kollha meħtieġa għat-twettiq ta’ dmirijiethom skont din id-Direttiva, u jkollhom il-kwalifika, il-kapaċità u l-mandat rilevanti biex jiksbu l-objettiv ewlieni tas-superviżjoni, jiġifieri l-protezzjoni tad-drittijiet tal-membri u tal-benefiċjarji u l-iżgurar tal-istabbiltà u tas-soliditá tal-IORPs.”;

(49) jiddaħħal l-Artikolu 45a li ġej:

“Artikolu 45a

Awtoritajiet kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti li jkollhom is-setgħa li jiżguraw l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b’dan, u jindikaw kwalunkwe diviżjoni ta’ dawk id-dmirijiet.

2. Fejn ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fit-territorju tiegħu, Stat Membru għandu jiżgura li dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jwettqu id-dmirijiet rispettivi tagħhom b’mod effikaċi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom għadd suffiċjenti ta’ persunal kwalifikat u ta’ riżorsi li huma meħtieġa għat-twettiq effettiv tad-dmirijiet tagħhom.”;

(50) l-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“**Kamp ta’ applikazzjoni tas-superviżjoni”**;

(b) il-kliem introduttorji huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs ikunu soġġetti għal superviżjoni prudenzjali, inkluża s-superviżjoni ta’ dawn li ġejjin, meta jkun applikabbli:”;

(c) jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li ssir superviżjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha ta’ din id-Direttiva.”;

(51) l-Artikolu 47 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Prinċipji ġenerali tas-superviżjoni"**

(b) fil-paragrafu 2 tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Għandha tinkludi l-verifika fuq bażi kontinwa tal-ħidma xierqa tal-attivitajiet tal-IORPs u tal-konformità tal-IORPs mad-dispożizzjonijiet superviżorji.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Is-setgħat superviżorji għandhom ikopru n-negozju kollu tal-provvista tal-irtirar tal-IORP, inkluż, jekk skont il-liġi nazzjonali l-IORPs jitħallew jipprovdu prodotti tal-pensjoni personali, in-negozju tal-provvista tal-pensjoni personali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk is-setgħat jiġu applikati b'mod li jkun f'waqtu u li jkun proporzjonat man-natura, mal-iskala u mal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP.";

(d) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw l-iżviluppi tas-suq relatati mal-iskalar tal-IORPs.";

(52) l-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

"1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom is-setgħa li jitolbu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu superviżjoni f'konformità mal-Artikolu 50.

1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom japplikaw is-setgħat superviżorji f'waqthom u b'mod proporzjonat.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom is-setgħa:

(a) jieħdu miżuri preventivi u korrettivi biex jiżguraw li l-IORPs jikkonformaw mal-liġijiet, mar-regolamenti u mad-dispożizzjonijiet amministrattivi li magħhom iridu jikkonformaw f'kull Stat Membru;

(b) jieħdu kwalunkwe miżura neċessarja inklużi dawk, fejn xieraq, ta' natura amministrattiva jew finanzjarja, fir-rigward ta' IORPs, u tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tagħhom.

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti u d-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jimponu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra applikabbli għall-ksur kollu tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawk is-sanzjonijiet u l-miżuri l-oħrajn jiġu implimentati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sanzjonijiet amministrattivi u l-miżuri l-oħra tagħhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.";

(53) l-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirrieżaminaw u jevalwaw l-istrateġiji, il-proċessi u l-proċeduri ta' rappurtar li jkunu stabbiliti mill-IORPs biex jikkonformaw mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva, b'kunsiderazzjoni tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP.";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-valutazzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu, il-punti (b) u (c), għandhom iqisu r-riskju li l-IORP jaf ma jkollhiex biżżejjed riżorsi finanzjarji biex tkopri l-kostijiet operatorji attwali u futuri tagħha.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

"1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari, jirrieżaminaw u jevalwaw il-konformità mal-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 46.

1b. Bħala parti mill-proċess ta' rieżami, l-awtorità kompetenti u kull IORP għandhom iwettqu, mill-inqas kull 3 snin, djalogu superviżorju regolari.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs ikollhom proċeduri biex jidentifikaw kondizzjonijiet finanzjarji li qed jiddeterjoraw u biex jinnotifikaw immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti meta jseħħ tali deterjorament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod ta' monitoraġġ adegwati, inklużi t-testijiet tal-istress, li jippermettulhom jidentifikaw id-deterjorament tal-kundizzjonijiet finanzjarji f'IORP u jimmonitorjaw kif jiġi rimedjat dak id-deterjorament.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-metodi u l-prattiki tal-IORP imfassla biex jidentifikaw iċ-ċirkostanzi possibbli jew it-tibdil ġejjieni tal-kondizzjonijiet ekonomiċi li jħallu effetti ħżiena fuq il-qagħda finanzjarja globali tal-IORP ikkonċernata.

L-awtoritajiet superviżorji għandhom jivvalutaw l-abbiltà tal-IORP li tiflaħ għal dawk iċ-ċirkostanzi possibbli jew tibdil ġejjieni tal-kondizzjonijiet ekonomiċi.";

(e) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Ir-reviżjonijiet, l-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 1a għandhom jitwettqu regolarment.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-frekwenza minima u l-ambitu tar-reviżjonijiet, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet fir-rigward tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP ikkonċernata.

(54) jiddaħħlu l-Artikoli 49a u 49b li ġejjin:

“Artikolu 49a

Djalogu superviżorju regolari

1. Id-djalogu superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 49(1b) għandu jkopri l-identifikazzjoni bikrija tal-vulnerabbiltajiet, l-ineffiċjenzi u l-isfidi strutturali, u jinkoraġġixxi riflessjoni strateġika dwar l-adegwatezza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fit-tul tal-IORP, inkluż l-adegwatezza tal-iskala tagħha, il-kapaċità tagħha għall-konsolidazzjoni, il-kooperazzjoni jew l-akkomunament tal-assi, u l-adegwatezza tal-konfigurazzjoni organizzazzjonali tagħha biex topera b’mod effiċjenti u tagħti valur lill-membri u lill-benefiċjarji.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-djalogu superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 49(1b) ikun ibbażat fuq sett ta’ parametri ta’ twissija bikrija, inklużi mill-inqas dawn kollha li ġejjin:

(a) il-livell u l-evoluzzjoni tal-kostijiet amministrattivi, ta’ tranżazzjoni u tal-investiment tal-IORP;

(b) ir-rata netta u aġġustata għar-riskju tar-redditu fuq l-assi tal-IORP;

(c) kwalunkwe nuqqas jew devjazzjoni mil-livelli ta’ benefiċċju mwiegħda jew ippjanati;

(d) l-għadd u l-evoluzzjoni ta’ membri u benefiċjarji attivi;

(e) indikaturi tal-effiċjenza operazzjonali, tal-konċentrazzjoni tar-riskju u tar-reżiljenza istituzzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-eżitu tad-djalogu superviżorju regolari jindika dgħufijiet jew nuqqasijiet possibbli, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistiednu lill-IORP ikkonċernata tikkunsidra għażliet strateġiċi li huma xierqa biex tissaħħaħ il-vijabbiltà fit-tul tagħha u t-twassil effettiv tal-benefiċċji tal-irtirar lill-membri u lill-benefiċjarji, inklużi miżuri li jtejbu l-iskalar operazzjonali, il-konsolidazzjoni, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti, jew meta jkun hemm prestazzjoni agħar minn dik mistennija kif imsemmi fl-Artikolu 41a(1), l-awtorità kompetenti tagħhom għandha teżiġi lill-IORP tfassal pjan għal azzjoni ta’ rimedju li jistabbilixxi l-miżuri, l-iskedi ta’ żmien u l-arranġamenti ta’ governanza biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet sinifikanti identifikati jew dik il-prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Tali pjan għandu jikkunsidra miżuri strutturali biex jitjiebu l-effiċjenza u l-ġestjoni tajba, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni possibbli, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-IORP jadotta l-pjan imsemmi fl-ewwel subparagrafu u jissottomettih lill-awtorità kompetenti għal rieżami u approvazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tirrapporta perjodikament dwar l-implimentazzjoni tal-pjan imsemmi fl-ewwel subparagrafu u dwar kwalunkwe progress miksub fl-implimentazzjoni ta’ dak il-pjan meta mitluba mill-awtorità kompetenti.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti:

(a) tiddokumenta l-eżitu ta' kull djalogu superviżorju regolari;

(b) tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-IORP ikkonċernata.

Ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità kompetenti li tadotta miżuri superviżorji vinkolanti.

Artikolu 49b
Irtirar tal-awtorizzazzjoni

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha tista' tirtira awtorizzazzjoni mogħtija lil IORP fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-IORP ikkonċernata ma tagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, tirrinunzja espressament dik l-awtorizzazzjoni jew ma tibqax twettaq attivitajiet għal iktar minn 6 xhur konsekuttivi, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx għamel dispożizzjoni biex l-awtorizzazzjoni taqa' f'dawn il-każijiet;

(b) l-IORP ikkonċernata ma tissodisfax iktar il-kondizzjonijiet għal awtorizzazzjoni;

(c) l-IORP ikkonċernata tonqos serjament fl-obbligi tagħha taħt ir-regolamenti li għalihom hija suġġetta.

2. Fil-każ tal-irtirar jew l-iskadenza ta' awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn kif xieraq, u dawn l-awtoritajiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jipprevjenu l-IORP milli tibda operazzjonijiet ġodda fit-territorji tagħhom.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża għandha, flimkien ma' dawk l-awtoritajiet, tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex tissalvagwardja l-interessi tal-membri u tal-benefiċjarji u, b'mod partikolari, għandha tirrestrinġi d-disponiment liberu tal-attivi tal-IORP.

3. Kwalunkwe deċiżjoni dwar l-irtirar ta' awtorizzazzjoni għandha tinkludi r-raġunijiet kollha u għandha tiġi kkomunikata lill-IORP ikkonċernata. Kull irtirar ta' awtorizzazzjoni għandu jkun innotifikat lill-EIOPA.";

(55) l-Artikolu 50 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi li ġejjin jiddaħħlu wara t-titolu:

"L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-IORPs jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li tkun meħtieġa għall-finijiet tas-superviżjoni, filwaqt li jqisu l-objettivi tas-superviżjoni stabbiliti fl-Artikolu 45, il-kamp ta' applikazzjoni tas-superviżjoni stabbilit fl-Artikolu 46, u l-prinċipji ġenerali tas-superviżjoni stabbiliti fl-Artikolu 47, b'mod partikolari l-prinċipju tal-proporzjonalità.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat li ġejjin:

(a) li jiddeterminaw in-natura, l-ambitu u l-format tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, li huma jeżiġu li l-IORPs jissottomettu fuq bażi regolari jew *ad hoc*;

(b) li jiksbu kwalunkwe informazzjoni dwar kuntratti li jsiru ma' partijiet terzi; u

(c) li jitolbu informazzjoni mingħand esperti esterni, bħal awdituri u attwarji.";

(b) it-tielet subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (d), jiżdied il-punt li ġej:

"(vii) il-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju msemmija fl-Artikolu 9;";

(ii) jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) jeżiġu li l-IORPs jissottomettu regolarment mudelli kwantitattivi li jispeċifikaw f'aktar dettall u jissupplimentaw l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti msemmija fil-punti (c) u (d), inkluża l-informazzjoni mitluba f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet fdati lill-EIOPA skont dak ir-Regolament u skont din id-Direttiva";

(iii) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jirrapportaw annwalment lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar ir-redditi fuq l-investiment, netti mill-kostijiet tal-investiment, u l-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba b'rabta mal-attivitajiet tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jeżiġu lill-IORPs japplikaw approċċ ta' trasparenza, li jiżgura li jiġu inklużi l-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba fil-livell ta' fondi ta' investiment, maniġers tal-assi u tranżazzjonijiet, u li jiġi applikat il-prinċipju tal-ebda netting.

Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri, il-formati u l-mudelli, li għandhom, fejn applikabbli, jiddistingwu bejn il-pensjonijiet okkupazzjonali u dawk personali.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fir-raba' subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.";

(56) jiddaħħal l-Artikolu 50a li ġej:

Artikolu 50a

Superviżjoni ta' funzjonijiet u attivitajiet li jiġu esternalizzati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs li jesternalizzaw funzjoni jew attività jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fornitur ta' servizzi jikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji tal-IORP biex tkun iggarantita s-superviżjoni tal-funzjoni jew tal-attività esternalizzata;

(b) l-IORP, l-awdituri tagħha u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess effettiv għad-data relatata ma' funzjonijiet jew attivitajiet esternalizzati, inkluża s-setgħa li jitolbu informazzjoni mingħand l-IORPs u mingħand il-fornituri tas-

servizzi dwar funzjonijiet ewlenin esternalizzati jew kwalunkwe attività oħra fi kwalunkwe ħin;

(c) l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess effettiv għall-binjiet tan-negozju tal-fornitur tas-servizz u jridu jkunu kapaċi jeżerċitaw dawk id-drittijiet ta' aċċess.

2. L-Istat Membru fejn ikun jinsab il-fornitur tas-servizz għandu jippermetti l-awtoritajiet kompetenti tal-IORP biex iwettqu huma stess, jew permezz ta' persuni intermedjarji li jaħtru għal dak il-għan, spezzjonijiet fuq il-post fil-binjiet tal-fornitur tas-servizzi. L-awtoritajiet kompetenti tal-IORP għandhom jinformaw lill-awtorità xierqa tal-Istat Membru tal-fornitur tas-servizz qabel ma jwettqu l-ispezzjoni fuq il-post. Fil-każ ta' entità mhux sorveljata, l-awtorità xierqa għandha tkun l-awtorità kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-IORP tista' tiddelega tali spezzjonijiet fuq il-post lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor fejn il-fornitur tas-servizz ikun jinsab.

3. Meta awtorità kompetenti tkun infurmat lill-awtorità xierqa tal-Istat Membru dwar il-fornitur tas-servizz li beħsiebha twettaq verifika fuq il-post f'konformità ma' dan il-paragrafu, jew meta twettaq verifika fuq il-post f'konformità mal-ewwel subparagrafu meta dik l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' fil-prattika teżerċita d-dritt tagħha li twettaq dik il-verifika fuq il-post, l-awtorità kompetenti tista' tirreferi l-kwistjoni lill-EIOPA u titlob l-assistenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010. F'dak il-każ, l-EIOPA tista' taġixxi skont is-setgħat li jingħatawlha fl-istess Artikolu.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-EIOPA għandha tkun intitolata tipparteċipa f'verifika fuq il-post meta ssir b'mod konġunt minn żewġ awtoritajiet superviżorji jew aktar.";

(57) l-Artikolu 51 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(a) it-testi tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi u linji gwida ġenerali fil-qasam tal-iskemi tal-pensjoni okkupazzjonali, u, fejn applikabbli, il-prodotti tal-pensjoni personali, u informazzjoni dwar jekk l-Istat Membru jagħżilx li japplika din id-Direttiva f'konformità mal-Artikoli 4 u 5;"

(b) il-kriterji ġenerali u l-metodi użati fil-proċess ta' rieżami superviżorju kif stabbilit fl-Artikolu 49, inkluża, b'mod partikolari, ħarsa ġenerali lejn il-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju tagħhom.";

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-objettiv ewlieni tas-superviżjoni, l-informazzjoni dwar il-funzjonijiet ewlenin u rapport annwali dwar l-azzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom;";

(c) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-iżvelar, previst fl-ewwel subparagrafu għandu jkun biżżejjed biex jippermetti t-tqabbil tal-istrateġiji superviżorji adottati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri differenti.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (e) għandha tkun aċċessibbli f'post elettroniku wieħed f'kull Stat Membru.";

(b) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-membri tal-korpi governattivi u maniġerjali tal-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom il-kwalifiki, l-esperjenza u l-ħiliet meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, u ma għandhomx jitkeċċew għal raġunijiet relatati mat-twettiq xieraq tad-dmirijiet tagħhom jew mal-eżerċizzju xieraq tas-setgħat tagħhom. Dawn jistgħu jitkeċċew biss jekk ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijiethom jew jekk ikunu nstabu ħatja ta' mġiba ħażina serja skont il-liġi nazzjonali. Il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijiethom u x'jikkostitwixxi mġiba ħażina serja għandhom jiġu stabbiliti minn qabel fil-liġi nazzjonali.";

(c) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw, fuq sit web pubbliku uniku, informazzjoni ċara, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi u l-profil tar-riskju tal-iskemi tal-pensjoni kollha operati mill-IORPs.

Għal kull skema tal-pensjoni u, fejn applikabbli, kull opzjoni ta' investiment, l-informazzjoni ppubblikata għandha tinkludi, mill-inqas:

(a) il-klassifikazzjoni tal-iskema skont il-profil tar-riskju;

(b) il-kostijiet u l-imposti totali rrapportati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mal-Artikolu 50(7), espressi bħala perċentwal annwali uniku tal-kontribuzzjonijiet totali tat-12-il xahar preċedenti; u

(c) il-prestazzjoni tal-imgħoddi għas-snin finanzjarji kompluti, inkluża l-aktar sena reċenti.

L-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu, il-punti (b) u (c), għandha tiġi pprovduta għal mill-inqas l-10 snin preċedenti jew, f'każijiet fejn l-iskema tkun ġiet ipprovduta għal inqas minn 10 snin, għas-snin finanzjarji kollha li għalihom tkun ġiet ipprovduta l-iskema.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-preċiżjoni u t-tempestività tal-informazzjoni, u jiżguraw il-pubblikazzjoni tagħha mingħajr dewmien ladarba tali verifika tkun tlestiet.

(58) jiddaħħal l-Artikolu 55a li ġej:

"Artikolu 55a

Pjattaformi ta' kollaborazzjoni

1. L-EIOPA tista', fil-każ ta' tħassib ġustifikat dwar effetti negattivi fuq il-membri u l-benefiċjarji, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' awtorità kompetenti rilevanti waħda jew aktar, tistabbilixxi u tikkoordina pjattaforma ta' kollaborazzjoni biex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u ttejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jekk IORP twettaq, jew tkun beħsiebha twettaq, attivitajiet transfruntieri fejn dawn l-attivitajiet huma ta' rilevanza fir-rigward tas-suq tal-Istat Membru ospitanti.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti li jistabbilixxu pjattaforma ta' kollaborazzjoni fejn dawn kollha jaqblu li jagħmlu hekk.

3. L-istabbiliment ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni skont il-paragrafi 1 u 2 huwa mingħajr preġudizzju għall-mandat superviżorju tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti previst f'din id-Direttiva.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, fuq talba tal-EIOPA l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni neċessarja kollha fil-ħin.

5. Meta żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni ma jaqblux dwar il-proċedura jew il-kontenut ta' azzjoni li għandha tittieħed, jew nuqqas ta' azzjoni, l-EIOPA, fuq talba ta' kwalunkwe awtorità kompetenti rilevanti jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jilħqu ftehim f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

6. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil fi ħdan il-pjattaforma u fejn ikun hemm tħassib serju dwar l-effetti negattivi fuq il-membri u l-benefiċjarji jew dwar il-kontenut ta' azzjoni, jew nuqqas ta' azzjoni, li għandha tittieħed fir-rigward ta' IORP, l-EIOPA tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju biex tniedi spezzjoni *in situ* tal-IORP. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tniedi l-verifika fuq il-post mingħajr dewmien u għandha tistieden lill-EIOPA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn ikkonċernati biex jipparteċipaw fiha.";

(59) l-Artikolu 59 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 59

Pubblikazzjoni tar-regoli nazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jippubblikaw b'mod adegwat ir-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li skonthom trid tiġi operata skema ta' pensjoni sponsorjata minn impriża fl-Istat Membru ospitanti li għandha tapplika għall-attivitajiet transfruntiera tal-IORPs kif imsemmi fl-Artikolu 11(1).

2. L-EIOPA għandha tinkludi, fuq is-sit elettroniku tagħha, ħoloq għas-siti elettroniċi tal-awtoritajiet kompetenti fejn tkun ippubblikata informazzjoni dwar regoli bħal dawn. Din l-informazzjoni għandha tkun aġġornata regolarment u l-EIOPA għandha tippostjaha fuq is-sit web tagħha, bir-regoli kollha bħal dawn ikkategorizzati f'oqsma rilevanti differenti tal-liġi.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt responsabbli għall-provvista ta' informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li skonthom trid tiġi operata l-iskema ta' pensjoni sponsorjata minn impriża fl-Istat Membru ospitanti li għandha tapplika għall-attivitajiet transfruntiera tal-IORPs fl-Istat Membru rispettiv tagħhom. Tali punt ta' kuntatt għandu jkun awtorità kompetenti xierqa.

4. L-EIOPA għandha teżamina f'rapport, u tinforma lill-Kummissjoni dwar ir-regoli ppubblikati mill-Istati Membri kif imsemmi f'dan l-Artikolu fil-kuntest tal-

funzjonament xieraq ta' din id-Direttiva u tas-suq intern qabel [PO = *jekk jogħġbok daħħal 6 xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva*].;

(60) l-Artikoli 61 u 62 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 61
Proċessar ta' data personali

Fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali skont din id-Direttiva, l-IORPs u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. Fir-rigward tal-proċessar ta' data personali mill-EIOPA fil-qafas ta' din id-Direttiva, l-EIOPA għandha tikkonforma mar-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 62
Evalwazzjoni

Sa [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva], l-EIOPA għandha tissottometti rapport lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti li ġejjin:

(a) kemm din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-integrazzjoni, l-effiċjenza u l-espansjoni tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali fis-suq intern, inklużi x-xejriet fil-konsolidazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-IORPs;

(b) l-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż l-impatt tagħha fuq id-daqs, il-kosteffiċjenza, il-konsolidazzjoni u l-professjonalizzazzjoni tal-IORPs, u r-rwol tagħha fit-trawwim tal-fiduċja, it-trasparenza u l-ġestjoni tajba tar-riskju fl-interessi tal-membri u tal-benefiċjarji;

(c) l-estensjoni fakultattiva tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 4, u l-effett tagħha fuq is-suq tal-pensjonijiet supplimentari.";

(61) jiddaħħal l-Artikolu 64a li ġej:

"Artikolu 64a
Eżerċizzju ta' delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 17(7) u fl-Artikolu 38(6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ].

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 17(7) u fl-Artikolu 38(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17(7) u l-Artikolu 38(6) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien 3 xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.".

Artikolu 2
Emendi għad-Direttiva (UE) 2016/97

Id-Direttiva (UE) 2016/97 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), jiżdiedu l-punti 19 u 20 li ġejjin:

"(19) 'prodott tal-pensjoni personali' tfisser prodott tal-pensjoni personali kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*."

(20) 'sistema ta' traċċar tal-pensjonijiet' tfisser għodda diġitali, tipikament portal web jew applikazzjoni għall-apparati mobbli siguri, li tipprovdi lill-individwi b'ħarsa ġenerali lejn l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati individwali tagħhom, u l-projezzjonijiet tal-benefiċċji futuri, fost l-iskemi tal-pensjoni li l-individwu jkun membru jew benefiċjarju tagħhom.

---

* Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1238/oj).";

(2) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, il-kelma "obbligatorji" titħassar;

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta d-distributur tal-assigurazzjoni jkun responsabbli għall-provvista ta' arranġamenti ta' pensjoni okkupazzjonali, il-membri prospettivi, il-membri u l-benefiċjarji ta' tali arranġamenti jirċievu, mill-inqas, l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 36 sa 44 tad-Direttiva (UE) 2016/2341.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 22a li ġej:

"Artikolu 22a
Sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jeżistu sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, dawn ikopru l-intitolamenti tal-pensjoni amministrati minn impriżi tal-assigurazzjoni u intermedjarji tal-assigurazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u intermedjarji tal-assigurazzjoni jittrażmettu lis-sistemi ta' traċċar

tal-pensjonijiet, jekk tali sistemi jkunu ġew stabbiliti, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-klijenti jingħataw ħarsa komprensiva, affidabbli u aġġornata tal-intitolamenti tal-personali u okkupazzjonali tagħhom, sa fejn dawk l-intitolamenti jkunu ġejjin minn arranġamenti tal-pensjoni okkupazzjonali jew prodotti tal-pensjoni personali pprovduti jew iddistribwiti minn impriżi tal-assigurazzjoni jew intermedjarji tal-assigurazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tiġi trażmessa f'format standardizzat u interoperabbli li jippermetti lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet jaggregaw id-data dwar il-valur akkumulat, id-drittijiet akkumulati u l-benefiċċji projettati b'mod koerenti u komparabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u l-intermedjarji tal-assigurazzjoni jibqgħu kompletament responsabbli li d-data trażmessa tkun kompluta u preċiża u għat-twettiq tal-obbligi kollha ta' komunikazzjoni previsti f'dan l-Artikolu.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità ma' dan l-Artikolu u jieħdu miżuri korrettivi meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew l-intermedjarji tal-assigurazzjoni ma jipprovdux informazzjoni kompluta, preċiża jew f'waqtha.

6. Il-format u l-istruttura tal-informazzjoni li trid tiġi trażmessa lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-Artikolu 29.".

Artikolu 3
Anterjorità

